



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Lulju 2011 (14.07)
(OR. en)**

12562/11

**PESC 912
FIN 503
PE 316**

NOTA PUNT "I/A"

Minn:	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Suġġett:	Aspetti ewlenin u għażliet bażiċi tal-PESK (punt G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) - 2010 - Rapport annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006, punt G, paragrafu 43, jipprevedi li "kull sena, il-Presidenza tal-Kunsill tikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dokument tal-Kunsill li jipprepara għall-ġejjieni, li għandu jiġi trasmess sal-15 ta' Ġunju tas-sena konċernata, li jistabbilixxi l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n-1".
2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà fil-laqgħat tiegħu tal-1 u l-5 ta' Lulju 2011 eżamina l-abbozz ta' rapport, kif jinsab fl-anness.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden japprova l-abbozz ta' rapport u jibagħtu lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**ASPETTI EWLENIN U GĦAŻLIET BAŻIĊI TAL-PESK
(PUNT G, PARAGRAFU 43 TAL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU
2006) - 2010**

INTRODUZZJONI.....	4
L-EWWEL PARTI: ĦARSA 'L QUDDIEM LEJN L-2012.....	4
IT-TIENI PARTI: HARSA LURA LEJN L-2010.....	11
Ħarsa ġenerali lejn l-2010.....	11
A. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet skont ir-reġjun.....	14
Il-Lvant Nofsani u l-Viċinat tan-Nofsinhar.....	14
Ir-Russja, Viċinat tal-Lvant u Asja Ċentrali.....	18
Federazzjoni Russa.....	18
Viċinat tal-Lvant.....	20
Asja Ċentrali.....	22
Balkani tal-Punent.....	23
L-Asja.....	26
Afrika.....	30
L-Ameriki.....	34
B: L-indirizzar tat-theddid u l-Isfidi Globali.....	38
Nonproliferazzjoni u Diżarm.....	38
Armi ta' Qerda Massiva u l-kunsinni tagħhom.....	39
Armi Konvenzjonali: Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW), Mini tal-Art kontra l-Persunal (APL) u Fdalijiet Esplożivi tal-Gwerra (ERW).....	42
Terroriżmu.....	43
Sigurtà tal-enerġija.....	44
Tibdil fil-Klima u Sigurtà Internazzjonali (CCIS).....	45
C. Kontribut għal Ordni Multilaterali aktar Effettiv.....	46
Nazzjonijiet Uniti.....	46
OSKE.....	47
Kunsill tal-Ewropa.....	48
D. Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.....	49

E. Aktar Effettiv, Kapaċi u Koerenti	56
Aktar Kapaċi	56
Kapaċitajiet Ċivili	56
Kapaċitajiet militari	56
Akkomunament u kondivizzjoni	57
Lezzjonijiet miksuba u l-aħjar prattiki fil-PSDK ċivili	58
Taħriġ u eżerċizzji	59
Aktar effettiv	60
Operazzjonijiet u missjonijiet	60
Għodod	65
Kooperazzjoni mal-Imsieħba	66
Aktar Koerenti	69
Approċċ komprensiv	69
Żvilupp tal-kapaċità ċivili u militari tal-UE wara l-2010	70
Sinerġiji ċivili-militari fl-iżvilupp tal-kapaċità	70
ANNEX I: ACTES JURIDIQUES PESC 2010	72
ANNEX II: MAIN APP+EARANCES IN THE EUROPEAN PARLIAMENT IN THE FIELD OF CFSP/CSDP IN 2010	84
ANNEX III: CFSP budget 2010 - commitment appropriations	87
ANNEX IV: 2010 overview of HR / VP declarations on behalf of the EU, HR / VP Statements, Statements by the HR / VP Spokesperson and Local Statements	91

INTRODUZZJONI

Dan id-dokument għandu l-għan li jippreżenta l-miżuri u l-attivitajiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li twettqu fl-2010 u evalwazzjoni tagħhom sa issa. Huwa jippreżenta wkoll il-fehmiet u l-għażliet ewlenin li ser jiggwidaw il-Politika Estera tal-UE għax-xhur li ġejjin. Dan ir-rapport huwa bbażat fuq il-paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda. Huwa wkoll espressjoni tal-impenn tar-Rappreżentant Għoli biex jiġi żviluppat djalogu komprensiv mal-Parlament Ewropew dwar il-politika estera tal-Unjoni Ewropea kif tenniet fid-dikjarazzjoni tagħha dwar responsabbiltà politika minn Lulju 2010.

L-EWWEL PARTI: HARSJA 'L QUDDIEM LEJN L-2012

L-2010 kienet sena prominenti għall-politika estera Ewropea, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Dawn il-bidliet wasslu għall-konklużjoni b'suċċess ta' deċennju ta' dibattiti fl-Ewropa fuq riforma istituzzjonali. Fl-istess ħin, kienet sena li pprovdiet ħafna eżempji dwar għalfejn neħtieġu politika estera Ewropea. F'dinja integrata u globalizzata aktar minn qatt qabel, qed niffaċċjaw theddid dejjem aktar differenti, iżda wkoll aktar interkonness: proliferazzjoni, terroriżmu, kriminalità organizzata, konflitti reġjonali, flimkien ma' qtugħ fil-provvista tal-enerġija u l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà. Il-politika estera tagħna jkollha tadatta għal dan, u tindirizza dan it-theddid aħjar mill-bidu, ħafna drabi f'partijiet instabbli u remoti tad-dinja. Biex jinħolqu l-kondizzjonijiet għal bidla dejjiema, neħtieġu dejjem aktar napplikaw approċċ komprensiv, li jibbaża fuq il-firxa sħiħa ta' strumenti diplomatiċi, tal-PSDK, tal-iżvilupp u tan-negozju għad-dispożizzjoni tagħna. L-implimentazzjoni ta' Strateġija għad-Drittijiet tal-Bniedem b'dinamika ġdida ser tkun komponent importanti.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ġie proprju mfassal bħala għodda biex jitwettaq dan. Huwa jgħaqqad flimkien il-kompetenza fid-diplomazija, il-ġestjoni ta' kriżijiet u l-iżvilupp. Il-bażi essenzjali ġiet stabbilita: is-SEAE qed jiffunzjona, il-ħatra tal-amministrazzjoni għolja ġiet iffinalizzata. Iżda l-isfidi involuti fil-ħolqien tas-servizz ma għandux jiġu sottovalutati, u d-dinja mhux ser tieqaf biex tistenna lilna. Biex jiġi żgurat li jista' jwettaq ir-rwol maħsub għalih jinħtieġ li jingħata r-riżorsi li jeħtieġ.

Fuq nett tal-aġenda hemm it-trasformazzjoni li qed isseħħ fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. M'hemm l-ebda dubju li din hija ta' proporzjonijiet storiċi. Il-bidla fit-Tuneżija, l-Eġittu u pajjiżi oħra fir-reġjun seħħet b'ħeffa u firxa li f'it ipprevedew. Waqt li f'pajjiżi bħal-Libja u s-Sirja, il-vjolenza traġika qed tkompli, iġenerali r-“Rebbiegħa Għarbija” fetħet il-potenzjal għal ħajja aħjar li reġgħet kisbet dinjità, b'rispett akbar lejn id-drittijiet tal-bniedem, il-pluraliżmu, l-istat tad-dritt u l-ġustizzja soċjali, flimkien ma' prosperità ikbar. Din hija l-aktar opportunità sinifikanti f'ġenerazzjoni biex jingħata appoġġ għall-bini ta' viċinat demokratiku, aktar stabbli u ħieles madwar il-kontinent tagħna. Bir-risposta t-tajba, nixtiequ nikkontribwixxu biex insawru d-direzzjoni tal-ġrajjet waqt li tingħaraf b'mod sħiħ ir-responsabbiltà lokali.

L-Unjoni Ewropea tista' tagħti parir u tassisti, iżda għandha tisma' wkoll l-ambizzjonijiet tal-poplu, u tirrikonoxxi li huwa biss jistgħu jiddeċiedu l-futur tagħhom. Fl-istess waqt, aħna jista' jkollna influwenza deċiżiva. Ser tinbena sħubija madwar dawn l-erba' elementi: it-trasformazzjoni demokratika u l-bini tal-istituzzjonijiet; il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; ir-rabtiet ma' nies, inkluża s-soċjetà ċivili; u t-trawwim tat-tkabbir sostenibbli u l-iżvilupp ekonomiku. Din tkun tirrikjedi wkoll relazzjonijiet personali b'saħħithom ma' dawk li jwasslu għall-proċess ta' bidla. Ir-Rappreżentant Għoli tat bidu minn kmieni f'dan ir-rigward, bi żjarat fl-Eġittu, it-Tuneżija u pajjiżi oħra fir-reġjun, fejn wasslet messaġġ ċar dwar l-appoġġ tal-UE.

L-UE diġà pprovdiet bosta appoġġ, b'għajnuna umanitarja, għajnuna fil-bini tal-istituzzjonijiet u appoġġ fit-tnejn għal elezzjonijiet. Fis-snin li ġejjin ser nibnu fuq dan. Dan ser ifisser appoġġ għat-tkabbir inklużiv u l-ġustizzja soċjali, inkluż permezz tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Ser jinvolvi t-titjib tal-aċċess għas-suq, biex b'hekk il-konnessjonijiet kummerċjali jistgħu jespandu fir-reġjun kollu tal-Mediterran. Dan ser jeħtieġ riżorsi finanzjarji adegwati u aktar iffukati. U dan ser jirrikjedi mobbiltà akbar, hekk kif nagħmluha iktar faċli għall-individwi, u b'mod partikolari ż-żgħażaġh, biex jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropea u jiksbu l-esperjenza, waqt li niżguraw approċċ ikkontrollat għall-migrazzjoni u l-kooperazzjoni kontra l-migrazzjoni illegali. Fuq terminu itwal, l-ambizzjoni tagħna għandha tkun li jinbnew Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi fir-reġjun.

Il-pajjiżi individwali fir-reġjun ser jirrikjedu approċċi differenti, f'konformità maċ-ċirkostanzi u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Iżda fejn il-pajjiżi huma lesti li jimxu lil hinn u b'mod aktar mgħaġġel fl-introduzzjoni tar-riformi, l-UE ser tirispondi kif meħtieġ. L-Unjoni għall-Mediterran għandha rwol importanti bħala qafas f'dan, iżda teħtieġ spinta ġdida biex tirrealizza l-potenzjal sħiħ tagħha.

Il-bidliet fid-dinja Għarbija għamlu l-ħtieġa għall-progress fuq il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani aktar urġenti. L-għan tagħna jibqa' riżoluzzjoni ġusta u dejjiema tal-konflitt Iżraeljan-Palestinjan, bl-Istat tal-Iżrael u Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà. Irridu niżguraw li l-iżviluppi attwali jqarrbuna lejn dak l-għan, mhux jitfegħuna aktar 'il bogħod. F'ħidma mas-sħab tal-Kwartett, fix-xhur riċenti l-Unjoni Ewropea wettqet rwol strumentali biex iġġib il-partijiet flimkien. Dan l-impenn ser ikompli. Flimkien ma' dawk l-isforzi diplomatiċi, l-Unjoni Ewropea tibqa' lesta biex tipprova aktar appoġġ politiku, finanzjarju u ta' bini tal-istituzzjonijiet għall-poplu Palestinjan.

Partijiet oħra tal-viċinat tagħna ser jaraw ukoll sfidi sinifikanti fix-xhur li ġejjin. L-Unjoni Ewropea ser iżżomm ir-rwol ċentrali tagħha fil-Balkani tal-Punent. Il-perspettiva Ewropea għandha tkompli sinjal prominenti li jwassal għal integrazzjoni politika akbar, hekk kif il-feriti tal-konflitt fid-disgħinijiet jgħibu fil-memorja. Waqt li ultimament huma l-pajjiżi nfushom biss li jistgħu jagħmlu x-xogħol diffiċli ta' trasformazzjoni biex jilhqqu l-kundizzjonijiet Ewropej, l-UE ser tkompli tgħin. Id-djalogu bejn Belgrad u Pristina, li tnieda fl-2010, huwa ċans tajjeb biex tinbidel id-dinamika, kemm bil-promozzjoni tal-kooperazzjoni, il-kisba tal-progress fit-triq lejn l-Ewropa kif ukoll bit-titjib fil-ħajja tal-poplu. L-UE ser tkompli tiffaċilita dan id-djalogu. Fil-Bosnja-Herzegovina, ir-Rappreżentant Għoli ħadmet ħafna f'konformità mal-istrateġija l-ġdida tal-UE biex tiżblokka s-sitwazzjoni politika.

Fil-viċinat tal-Lvant tagħna, l-impenn tal-UE biex tippromwovi s-sigurtà, id-demokrazzija u l-prosperità ser jibqa' essenzjali. Ir-reġjun jippreżenta stampa mħallta. L-iżviluppi fir-Repubblika tal-Moldova fl-aħħar sena kienu inkoraġġanti. Dwar ir-reġjun Transnistrijan, għalkemm hemm sinjali mħallta, l-UE ser tipproma ssaħħaħ ir-rwol tagħha fi ħdan il-format għal ftehim 5+2, u tinsisti għall-issoktar ta' taħditiet formali għal ftehim. Iżda s-segwitu tal-elezzjonijiet presidenzjali fil-Bjelorussja f'Diċembru li għadda ma ħallew l-UE bl-ebda alternattiva ħlief li tadotta rispons iebes. U, sitt snin mir-Rivoluzzjoni Oranġjo fl-Ukraina, il-progress lejn soċjetà demokratika aktar miftuħa għadu mhux uniformi. 2011 tagħti opportunità biex wieħed jirrifletti fuq is-Sħubija tal-Lvant, sentejn wara li tnediet, u jivvaluta kif nistgħu nkomplu l-impenn tagħna bl-aktar mod effettiv. Is-Sinerġija tal-UE tal-Baħar l-Iswed għandha rwol importanti x'taqdi, iżda teħtieġ momentum ġdid biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha.

Fil-Ġeorġja, l-UE tibqa' involuta mill-qrib, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea, u bħala kopresident fit-taħditiet ta' Ġinevra dwar ir-reġjuni separatisti tal-Ossezja tan-Nofsinhar u l-Abkażja. Jista' jkun hemm lok ukoll biex inkabbru l-impenn tagħna lejn is-sitwazzjoni f'Nagorno Karabakh.

Waqt li jiġu indirizzati dawn il-problemi u oħrajn fil-viċinat tagħna tal-Lvant, kif ukoll il-kwistjonijiet ewlenin fix-xena internazzjonali, l-išhubija strateġika b'saħħitha mar-Russja tibqa' essenzjali. Il-kooperazzjoni tagħna mar-Russja għandha tkun ibbażata fuq l-impenn imsejjes fuq ċerti prinċipji: mibnija fuq l-insewiment ta' interessi komuni, filwaqt li nibqgħu sodi rigward il-valuri tal-UE u nkunu kapaċi nindirizzaw id-differenzi b'mod effettiv.

Lil hinn minn hekk, is-sistema globali qed tevolvi b'rata mgħaġġla mingħajr preċedent. Il-globalizzazzjoni u l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja qed iżidu ċ-ċaqliq fil-piż politiku u ekonomiku lejn is-setgħat emerġenti ġodda, fl-Asja, l-Amerika Latina u bnadi oħra. Aktar ma jgħaddi żmien, dawn il-pajjiżi ser ikollhom leħen influwenti fi kwistjonijiet ta' importanza globali, inkluż it-tkabbir ekonomiku, il-kummerċ, it-tibdil fil-klima u s-sigurtà. Il-proċess ta' modernizzazzjoni u riforma tal-arkitettura ta' istituzzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-Fond Monetarju Internazzjonali, biex jiġu riflessi dawn ir-realtajiet hu diġà avvanzat ħafna. F'din l-aħħar sena, l-UE, taħt it-tmexxija tar-Rappreżentant Għoli, investiet sforzi konsiderevoli biex iżżid il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU. Wara l-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU tar-Riżoluzzjoni 65/276, l-UE ser tisfrutta l-opportunitajiet ġodda kemm tista'.

F'dawn l-aħħar għaxar snin, l-Unjoni Ewropea żviluppat sħubiji strateġiċi ma' dawk il-pajjiżi li qed jiffurmaw il-pajsaġġ tas-seklu wieħed u għoxrin: l-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja, kif ukoll mal-Ġappun, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel, ir-Repubblika tal-Korea u oħrajn. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tar-Rappreżentant Għoli huwa li tagħmel dawn is-sħubiji aktar effettivi. Fil-ħarifa tal-2010, il-Kunsill Ewropew nieda proċess ta' riflessjoni, immexxi mir-Rappreżentant Għoli, dwar kif nistgħu nużaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona biex dan iseħħ. Dan il-proċess ser ikompli fl-2011. Din is-sena ser tara wkoll diversi opportunitajiet biex jiġu applikati l-konklużjonijiet, inklużi s-summits maċ-Ċina u l-Indja. Irridu nużaw okkazzjonijiet bħal dawn biex inġibu flimkien l-oġġettivi tagħna dwar kwistjonijiet ekonomiċi u politiċi. Pereżempju, ix-xhur riċenti raw espansjoni fl-aġenda tagħna tas-sigurtà mal-Indja, inkluż aktar kuntatti fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u bejn il-persunali militari.

Il-kwistjoni nukleari Iranjana tibqa' suġġett ta' preokkupazzjoni kbira, għall-Unjoni Ewropea u l-komunità internazzjonali kollha kemm hi. Aħna ser inkomplu, flimkien mas-sitt pajjiżi involuti l-aktar mill-qrib, insegwu l-approċċ tagħna fuq żewġ binarji, li jagħmel pressjoni fuq l-Iran biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u jerġa' lura għal negozjati sinifikanti, waqt li noffru inċentivi sostanzjali biex tinbena l-fiduċja fin-natura tal-programm nukleari Iranjan permezz tan-negozjati. Is-sanzjonijiet mill-2007 'l hawn diġà kellhom impatt sinifikanti. Jekk l-Iran ikompli miexi fit-triq li qiegħed fiha bħalissa, din il-pressjoni ser tiżdied, filwaqt li l-bieb jibqa' miftuħ għal djalogu reali. Ir-Rappreżentant Għoli, flimkien maċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, ir-Russja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti mexxiet l-isforzi, u ser tkompli tagħmel dan, biex tikkonvinċi t-tmexxija Iranjana li għandha tidħol fi djalogu kostruttiv.

Fl-Afganistan u l-Pakistan, l-isfidi huma formidabbli. L-UE ser tkompli l-proċess li tipprovdi appoġġ lill-gvern elett fl-Afganistan, u li ddaħħal aktar stabbiltà wara deċennji ta' negliġenza u konflitt. L-UE tibqa' impenjata lejn il-kompitu tagħha, billi tappoġġa s-sħab tagħna fil-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) u l-komunità internazzjonali inġenerali, bl-għajnuna f'oqsma li nistgħu nwasslu l-aħjar, inkluża l-missjoni ta' taħriġ tal-EUPOL. Aħna impenjati wkoll biex inkomplu nappoġġaw l-iżvilupp ta' gvern b'saħħtu, stabbli u demokratiku fil-Pakistan, nipromwovu t-tkabbir ekonomiku, u negħlbu l-estremiżmu.

Il-kontinent Afrikan jippreżenta stampa varjata. Wara snin ta' tkabbir dgħajjed u bi gvernijiet insodisfaċenti, issa qed iseħħ titjib reali f'ħafna pajjiżi Afrikani. Huwa inkoraġġanti li l-Unjoni Afrikana qed taħdem għal rwol aktar b'saħtu biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi reġjonali. Madankollu l-isfidi jibqgħu, speċjalment fis-Sudan fejn il-ħolqien ta' stat ġdid fin-Nofsinhar qed iqajjem tensjoni b'mod partikolari f'Abyei. L-UE tinsab lesta biex tgħin fil-proċess ta' transizzjoni iżda l-konflitt u l-vjolenza politika jkomplu jsegwu b'mod persistenti ħafna partijiet tal-kontinent, inkluż is-Somalja u s-Saħel. Is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe tibqa' wkoll fraġli. Il-piraterija hija kwistjoni ta' preokkupazzjoni kbira għal għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi, madwar id-dinja. L-Unjoni Ewropea ser iżżomm l-impenn tagħha, billi taħdem permezz tas-sħubija li żviluppajna fis-snin riċenti mal-Unjoni Afrikana, u permezz tal-missjonijiet ċivili u militari tagħna mibgħuta fir-reġjun.

Il-konsolidazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni hija ċentrali għall-indirizzar ta' ħafna minn dawn l-isfidi, biex b'hekk inkunu nistgħu nittrattaw l-insigurtà b'manjiera aktar integrata u komprensiva fiċ-ċiklu kollu ta' konflitt. Fi żmien ta' pressjonijiet reali fuq l-infiq pubbliku, l-użu effiċjenti tar-riżorsi ser ikun importanti. Iżda dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jservu wkoll bħala stimolu biex ikun hemm aktar konsolidazzjoni fil-PSDK, billi jsiru aktar akkomunament u kondivizzjoni ta' kapaciċitajiet militari, kapaciċitajiet imtejba biex jiġu ppjanati u mwettqa missjonijiet u operazzjonijiet u l-integrazzjoni ta' operazzjonijiet u missjonijiet ċivili u militari. L-Istati Membri riċentement nedew għadd ta' inizjattivi f'dan il-qasam, mibnija fuq l-opportunitajiet ipprovduti mit-Trattat ta' Lisbona. Il-ħidma dwar il-futur tal-PESK ser tkompli fl-2011, li tibni fost oħrajn fuq lezzjonijiet miksuba mill-esperjenza preċedenti tagħna. Fl-istess waqt, il-missjonijiet tagħna tal-PSDK ikomplu jagħtu sehem importanti madwar id-dinja, sew jekk inaqqsu r-riskji tal-piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja għall-bini tal-istat tad-dritt fil-Kosovo. Dawn jippermettulna wkoll li nitgħallmu waqt li nwettqu, biex b'hekk l-UE tiżviluppa ħila esperta għida f'tali oqsma bħall-bini ta' kapaciċità marittima reġjonali u r-riforma tas-settur tas-sigurtà. Il-prevenzjoni tal-konflitti hija wkoll parti importanti, u l-għaxar anniversarju tal-Programm ta' Göteborg jagħti opportunità biex wieħed jirrifletti fuq il-ħidma li qed tespandi tal-UE f'dan il-qasam u d-direzzjoni għall-futur.

Il-problemi ma jistgħux jiġu indirizzati fiżolazzjoni, u jirreżistu soluzzjonijiet sempliċi. F'dinja moderna u interkonnessa, fejn it-teknoloġija u s-swieq qed iressqu n-nies lejn xulxin b'veloċità mingħajr preċedenti fl-istorja, din tibqa' l-verità aktar minn qatt qabel. B'riżultat ta' dan, kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, is-sigurtà tal-enerġija u l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà saru parti sostanzjali tal-aġenda internazzjonali. Għall-Unjoni, il-kostruzzjoni ta' politika estera kollettiva b'saħħitha b'rispons, li tkun kemm koerenti kif ukoll tista' timxi malajr biżżejjed biex issawwar l-avvenimenti, tippreżenta sfida oħra.

Minkejja dan il-politika estera Ewropea mhix kwistjoni ta' għażla. Aħna naġixxu 'l barra mill-Ewropa għax l-interessi interni tagħna – is-sigurtà, il-prosperità, u l-valuri li fuqhom bnejna l-Unjoni Ewropea – jeħtieġu dan. U aħna naġixxu b'mod kollettiv, bl-impenn sħiħ tal-Istati Membri kollha, għax il-kwistjonijiet li niffaċċjaw huma wisq kumplessi biex jiġu riżolti b'mezzi unilaterali u għaliex l-aġir flimkien jista' jkollu aktar piż effettiv. L-avvenimenti fil-Viċinat tan-Nofsinhar swew ta' dimostrazzjoni qawwija ta' dawn ir-realtajiet bażiċi. Fis-sena li ġejja, u lil hinn minnha, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tibni politika estera ta' din is-sura, li tirrifletti n-natura varjata u diversa tal-Unjoni tagħna, waqt li timmobilizza l-unità, il-konsistenza u l-koerenza meħtieġa għal azzjoni effettiva u tkompli tiżviluppa l-viżjoni strateġika tal-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni.

IT-TIENI PARTI: HARSA LURA LEJN L-2010

Ħarsa ġenerali lejn l-2010

Il-pożizzjoni tar-Rappreżentant Għoli¹ tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) hija s-sinsla tas-sistema ta' Lisbona fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni u l-innovazzjoni prinċipali fit-tmexxija tal-politika estera mill-Unjoni fl-2010. Fil-qasam tal-PESK, ir-Rappreżentant Għoli teżerċita l-funzjonijiet li preċedement twettqu mill-Presidenza b'rotazzjoni semestrali, ir-Rappreżentant Għoli, u l-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Esterni. Ir-Rappreżentant Għoli tmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, tippresiedi l-Kunsill Affarijiet Barranin u wkoll bħala l-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza fl-azzjonijiet esterni tal-Unjoni. Matul l-2010, ir-Rappreżentant Għoli ppresediet 14-il Kunsill Affarijiet Barranin, li tnejn minnhom kienu fil-konfigurazzjoni tal-Ministri tad-Difiża u tnejn oħra fil-konfigurazzjoni tal-Ministri tal-Iżvilupp.

¹ Fil-laqgħa informali tagħhom tad-19 ta' Novembru 2009 l-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE qablu li jaħtru lil Catherine Ashton bħala r-Rappreżentant Għoli, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009. Fl-4 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li ħatret formalment lir-Rappreżentant Għoli.

Is-sena 2010 rat **tliet prijoritajiet ewlenin** fuq l-aġenda tal-politika estera tal-UE.

L-ewwel prijorità, u l-kisba istituzzjonali prinċipali, tal-2010 kienet l-istabbiliment tas-**Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**. Ir-rwol tas-Servizz huwa li jappoġġa l-ħidma tar-Rappreżentant Għoli fil-mandat estern wiesa' tagħha, inkluż it-tmexxija tal-politika estera u tas-sigurtà komuni tal-UE. Il-persunal tas-SEAE ġej mill-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u s-Servizzi Diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE. Huma jaħdmu fi Brussell u f'137 Delegazzjoni madwar id-dinja, u jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-għan tas-SEAE huwa li jaġixxi bħala pjattaforma integrata li tipprojetta l-valuri u l-interessi komuni tal-Unjoni madwar id-dinja. Fis-smiġh tal-konferma quddiem il-Parlament Ewropew fil-11 ta' Jannar 2010, ir-Rappreżentant Għoli kkonfermat li l-ħolqien tas-SEAE kien prijorità ewlenija, u qalet li kien “opportunità ta' darba f'ġenerazzjoni biex tinbena xi ħaġa li tgħaqqad flimkien l-elementi kollha tal-impenn tagħna [fl-UE] - politiku, ekonomiku u militari - biex tiġi implimentata strateġija koerenti fil-politika estera”.

Is-SEAE tnieda formalment fl-1 ta' Diċembru, 2010; ħidma preparatorja intensiva matul is-sena wasslet għal din id-data. Fil-bidu tal-2010 ġie stabbilit Grupp ta' Livell Għoli biex jappoġġa r-Rappreżentant Għoli fl-istabbiliment tas-SEAE. Fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-25 ta' Marzu, ir-Rappreżentant Għoli ressqet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-SEAE. Din il-proposta ġiet sussegwentement emendata fil-Kunsill Affarijiet Barranin fis-26 ta' April. Saru konsultazzjonijiet formali dwar il-proposta, il-“kwadrilogu”, bejn ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni Ewropea, il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fil-21 ta' Ġunju intlaħaq qbil f'Madrid bejn l-erba' partijiet, li ġie approvat mill-Parlament Ewropew f'votazzjoni fit-8 ta' Lulju², u sussegwentement approvat ukoll mill-Kulleġġ tal-Kummissarji fl-20 ta' Lulju. Fid-dawl tal-kunsens tal-Kummissjoni Ewropea u l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali adotta formalment id-Deċiżjoni tal-Kunsill fis-26 ta' Lulju. Matul l-2010, perijodu ta' transizzjoni sa ma twaqqaf is-SEAE, il-Presidenza Spanjola u dik Belġjana tal-Kunsill taw appoġġ attiv lir-Rappreżentant Għoli u l-kompiti l-ġodda tagħha.

² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fit-8 ta' Lulju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0280).

Fil-25 ta' Ottubru 2010, ir-Rappreżentant Għoli ħatret lil Pierre Vimont bħala Segretarju Ġenerali Eżekuttiv u lil David O'Sullivan bħala l-Uffiċjal Kap Operattiv tas-SEAE. Fid-29 ta' Ottubru, ir-Rappreżentant Għoli kkompletat tim ta' tmexxija prinċipali tagħha bil-ħatra ta' żewġ Viċi Segretarji Ġenerali - Helga Schmid bħala l-Viċi Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet Poliċi u Maciej Popowski bħala l-Viċi Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet Interistituzzjonali.

Ir-Rappreżentant Għoli u l-istrutturi istituzzjonali ġodda ġew ittestjati fil-bidu tal-2010 bit-terremot ta' Haiti³ f'Jannar, li ra rispons politiku u umanitarju qawwi mill-Unjoni. Ir-Rappreżentant Għoli vvjaġġat b'mod estensiv. Iż-żjarat tagħha jinkludu żjara importanti fil-Lvant Nofsani (Marzu 2010), fejn hija kienet l-ewwel politikanta li daħlet f'Gaza mill-Iżrael minn Ġunju 2007 'l hawn, u bosta vjaġġi lejn il-Balkani, u vjaġġi lejn l-Indja (Ġunju 2010), il-Ġeorġja u l-Kazakistan (Lulju 2010) u lejn iċ-Ċina (Settembru 2010).

It-tieni prijorità stabbilita kienet il-**Viċinat Ewropew**. L-akbar kisba tal-UE sal-lum kienet it-tkabbir lejn l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Fl-2010 l-UE ħadmet biex tavvanza dan il-proċess u għenet lill-Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent lejn ir-realizzazzjoni tal-perspettiva Ewropea tagħhom. F'din l-aħħar sena l-Unjoni kompliet l-impenn tagħha mal-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar u wriet li l-UE għandha l-kapaċità li tgħin biex jinġiebu l-istabbiltà u l-iżvilupp f'dawn iż-żewġ reġjuni. Fl-2010 tnieda rieżami komprensiv tal-Politika Ewropea tal-Viċinat mir-RĠħ u l-Kummissjoni.

It-tielet prijorità kienet il-ħidma tal-UE ma' **sħab strateġiċi**. F'dinja fejn il-problemi huma globali u hemm ċaqliq fil-potenza, l-UE kompliet tinvesti fi sħubiji, mas-'sħab stabbiliti' tagħna bħall-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun u l-Kanada, u b'iffukar ukoll fuq l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħna ma' potenzi li qed jitfaċċaw jew li tfaċċaw: iċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil, l-Afrika t'Isfel u r-Repubblika tal-Korea. Din il-ħidma ma koprietx biss ir-relazzjonijiet bilaterali importanti ħafna, iżda wkoll kwistjonijiet globali, bħall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Proliferazzjoni Nukleari.

³ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-terremot f'Haiti fl-10 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0015).

A. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet skont ir-reġjun

Il-Lvant Nofsani u l-Viċinat tan-Nofsinhar

Fl-2010, progress sostanzjali dwar il-konflitt **Għarbi-Iżraeljan**^{4 56} baqa' diffiċli biex jinstab. L-Istati Uniti rranġaw għal negozjati indiretti u sussegwentement diretti bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani. Madankollu, dawn id-diskussjonijiet waqfu ħesrem sa tmiem Settembru minħabba l-iskadenza tal-moratorju fuq l-insedjamenti Iżraeljani. Ir-Rappreżentant Għoli reġgħet żaret it-territorju okkupat Palestinjan u l-Iżrael (f'Lulju u Settembru) biex issaħħaħ l-impenn tal-partijiet għan-negozjati. Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tagħha ta' Diċembru 2010, l-UE appellat għal progress urġenti lejn soluzzjoni ta' żewġ stati. L-UE ddispjaċiha għan-nuqqas ta' estensjoni tal-moratorju, tenniet l-appell tagħha biex il-partijiet kollha jieqfu minn azzjonijiet unilaterali provokattivi u vjolenza, iddeskriviet il-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni kruċjali tal-istatus finali u saħqet dwar l-importanza ta' koordinazzjoni intensifikata fil-Kwartett. Filwaqt li fakkret fid-dikjarazzjoni ta' Berlin, l-UE tenniet li tinsab lesta, meta jkun adatt, tirrikonoxxi stat Palestinjan. L-UE ħeġġet għal ħafna drabi lil dawk li qed iżommu lis-suldat Iżraeljan issekwestrat Gilad Shalit biex jeħilsuh mingħajr dewmien.

⁴ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet Goldstone dwar l-Iżrael/il-Palestina fl-10 ta' Marzu 2010 (P7_TA-PROV(2010)0054).

⁵ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-każ ta' Gilad Shalit fil-11 ta' Marzu 2010 (P7_TA-PROV(2010)0066).

⁶ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar l-operazzjoni militari Iżraeljana kontra l-flottilla umanitarja u l-imblokk ta' Gaża fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0235).

L-UE għad għandha preokkupazzjonijiet serji fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-attività ta' insedjament, is-sitwazzjoni fil-Lvant ta' Ġerusalem u s-sistema ta' aċċess minn u lejn Gaża. L-UE kompliet itenni l-fehma tagħha li l-insedjamenti huma illegali skont il-liġi internazzjonali, xkiel għall-paċi u jikkostitwixxu theddida għas-soluzzjoni ta' żewġ stati. Filwaqt li esprimiet tħassib dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant ta' Ġerusalem, l-UE fakkret ukoll li hija qatt ma rrikonixxiet l-annessjoni tat-territorju ta' Ġerusalem tal-Lvant. Fir-rigward ta' Gaża, minkejja li sar xi ftit progress wara d-deċizzjonijiet tal-gvern Iżraeljan biex l-għeluq ikun inqas strett, inkluż il-faċilitazzjoni ta' xi esportazzjonijiet mill-Gaża għall-UE, l-UE sostniet li kienu jinħtieġu aktar sforzi u miżuri komplementari biex tinkiseb bidla fundamentali tal-politika li tippermetti l-irkupru ekonomiku ta' Gaża, filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib leġittimu tal-Iżrael dwar is-sigurtà. L-UE pproponiet pakkett komprensiv għal Gaża li jiffoka fuq it-titjib tal-infrastruttura ta' qsim u l-għoti ta' tagħmir u taħriġ lill-awtoritajiet Palestinjani tal-fruntieri. Ġiet imtennija l-importanza tal-appoġġ tas-settur privat. Ir-rikonċiljazzjoni intra-Palestinjana m'għamlitx progress.

L-UE kompliet tassisti l-**bini ta' stat Palestinjan** f'konformità mal-pjan mifrux fuq sentejn tal-Prim Ministru Fayyad, li wera riżultati pożittivi fid-dawl tal-istat ta' tħejjija tal-Awtorità Palestinjana għall-istabbiliment ta' stat fil-futur qarib.

L-UE u l-**Iżrael** żammew relazzjonijiet bilaterali qawwija u djalogu politiku miftuħ fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni attwali. Il-klima politika tal-**Eġittu** fl-2010 kienet ikkaratterizzata minn elezzjonijiet legiſlattivi kontroversjali ħafna, imtappna minn rapporti ta' irregolaritajiet u tbaġħbis tal-voti. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu f'April 2010 tenna l-impenn politiku biex jitjiebu r-relazzjonijiet bilaterali abbażi tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Id-djalogu ntemm lejn tmiem is-sena.

Wara perijodu ta' stabbiltà relattiva, is-sitwazzjoni politika fil-**Libanu** saret polarizzata fit-tieni sitt xhur tas-sena minħabba t-Tribunal Speċjali għal-Libanu li investiga l-qtil tal-Prim Ministru Rafik Hariri. Waqt il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni f'Ġunju 2010 l-UE wriet ir-rieda tagħha biex taħdem mill-qrib mal-gvern **Lebaniż** dwar l-aġenda tiegħu għar-riforma ta' Diċembru 2009.

Il-ħidma fuq Pjan ta' Azzjoni ġdid UE-Tuneżija, li jirrifletti r-rieda tat-Tuneżija biex tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha mal-UE u l-istituzzjonijiet kollha tagħha, bdiet f'Lulju 2010. It-tieni nofs ta' Diċembru 2010 ra lill-poplu tat-**Tuneżija** jipprotesta kontra t-tmexxija tal-President Ben Ali. Ir-reazzjoni ripressiva tal-gvern ma waqqfitx lid-dimostranti, u l-protesta nfirxet f'diversi bliet b'talba għal riformi u t-tluq ta' Ben Ali, li kien il-preludju tal-iżvilupp tal-protesti aktar mifruxa fid-dinja Għarbija.

Fil-**Libja**⁷, it-tensjoni bejn il-forzi modernizzanti u dawk konservattivi għamlu t-triq futura tal-pajjiż imprevedibbli fi tmiem is-sena.

L-isforzi tal-UE biex tiġi rizzolta l-**kwistjoni nukleari Iranjana**⁸ komplew, permezz tal-involvement attiv mir-Rappreżentant Għoli, fuq il-binarju kemm tal-persjoni kif ukoll tal-impenn (ara wkoll taħt B.1 – Nonproliferazzjoni u Diżarm).

L-UE baġtet Tim għall-Valutazzjoni tal-Elezzjonijiet biex jissorvelja u jirrapporta dwar l-elezzjonijiet nazzjonali **tal-Iraq**⁹ f'Marzu. Il-pjattaforma għar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u l-Iraq twessgħet bl-iffirmar ta' Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni tal-Enerġija f'Jannar 2010, l-inizjalar tal-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni fir-rebbiegħa 2010, u l-adozzjoni f'Novembru 2010 għall-ewwel darba tad-Dokument ta' Strateġija Pluriennali għall-għajnuna lil Iraq. L-EUJUST LEX Iraq tkompli tagħti t-taħriġ għas-settur tal-istat tad-dritt Iraqi.

Diġà wieħed mill-ifqar nazzjonijiet fid-dinja Għarbija u għall-iskopijiet prattiċi kollha stat li qed ifalli, il-**Jemen**¹⁰ iffaċċja taqlib domestiku kontinwu. L-UE kompliet l-Approċċ Komprensiv tagħha adottat fl-2009 u impenjat ruħha fil-proċess multilaterali tal-Ħbieb tal-Jemen. F'Jannar 2010 ġiet stabbilita f'Sana'a Delegazzjoni tal-UE kompluta.

⁷ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar l-eżekuzzjonijiet fil-Libja fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0246).

⁸ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, b'mod partikolari l-każijiet ta' Sakineh Mohammadi Astiani u Zahra Bahrami fit-8 ta' Settembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0310).

⁹ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar l-Iraq: il-piena kapitali (speċifikament il-każ ta' Tariq Aziz) u l-attakki kontra l-komunitajiet Insara fil-25 ta' Novembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0448).

¹⁰ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Jemen fl-10 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0017).

Il-Kunsill Ministerjali Konġunt tal-**Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn il-Golf** u l-UE ta' Ġunju 2010, li kien l-ewwel wieħed li kien ippresedut mir-Rappreżentant Għoli, adotta Programm ġdid ta' Azzjoni Konġunta għal kooperazzjoni aktar profonda f'oqsma mill-ekonomija għall-ambjent għall-educazzjoni.

Wara l-adozzjoni ta' dokument konġunt dwar Status Avvanzat bejn il-**Marokk** u l-UE fl-2008, in-negozjati dwar l-ewwel abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni ġdid UE-Marokk tnedew f'Diċembru 2010.

F'Ġunju 2010, l-UE u l-**Alġerija** kellhom il-ħames Kunsill ta' Assoċjazzjoni tagħhom, abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-2005, fejn iż-żewġ naħat qablu li jaħdmu b'aktar ambizzjoni u impenn akbar biex isaħħu r-relazzjoni tagħhom.

Id-disa' Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-**Ġordan**¹¹ ħabbar ftehim politiku dwar sħubija ta' Status Avvanzat u l-konklużjoni ta' negozjati tekniċi dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid UE-Ġordan tal-PEV. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid jirrifletti l-karattru ambizzjuż tas-sħubija UE-Ġordan kif ukoll l-intendiment profond komuni tal-impenn reċiproku lejn il-kisba ta' integrazzjoni aktar mill-qrib; tar-ritmu u l-kamp ta' applikazzjoni tar-riformi meħtieġa; u tal-appoġġ kontinwu mill-UE sabiex jingħelbu x'uħud mill-impedimenti li fadal fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet.

L-UE kompliet tinvolvi ruħha mas-Sirja¹², bl-għan ta' progress dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, iżda ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni minn Damasku f'dan ir-rigward. L-UE kompliet tikkundanna n-nuqqas ta' kooperazzjoni tas-Sirja mal-IAEA biex issolvi kwistjonijiet miftuħa dwar l-allegat sit nukleari f'Dair Alzour.

¹¹ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan b'attenzjoni speċjali għall-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan fid-9 ta' Settembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0314).

¹² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja, b'mod partikolari l-każ ta' Haythan Al-Maleh fid-9 ta' Settembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0316).

Is-Segretarjat tal-Unjoni għall-Mediterran¹³ ġie stabbilit f'Barcellona, kofinanzjat mill-Kummissjoni. Minkejja l-imblokk politiku Għarbi-Iżraeljan, li wassal għall-posponiment tas-Summit, għad hemm modi li għad iridu jiġu esplorati biex jiġi żgurat li l-ħidma prattika tal-Unjoni għall-Mediterran tkompli. Is-Segretarjat ser jiffoka fuq is-sitt prijoritajiet stabbiliti fis-Summit ta' Pariġi (2008): l-ambjent u l-ilma; l-affarijiet soċjali u ċivili inkluża l-protezzjoni ċivili; l-enerġija, inklużi sorsi rinnovabbli; it-trasport u l-iżvilupp urban; il-koordinazzjoni tal-finanzjament tal-proġetti u l-iżvilupp tan-negozju; l-edukazzjoni għolja u r-riċerka,

Ir-Russja, Viċinat tal-Lvant u Asja Ċentrali

Federazzjoni Russa

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja fl-2010 raw għadd ta' żviluppi pożittivi. Dawn inkludew it-tnedija formali tal-Isħubija għall-Modernizzazzjoni, il-proċess lejn il-konklużjoni ta' negozjati bilaterali dwar l-adeżjoni tar-Russja fid-WTO, il-ftehim dwar l-approċċ lejn ftehim possibbli fil-futur dwar l-eżenzjoni mill-viża, u żewġ Summits¹⁴ li saru f'atmosfera partikolarment kostruttiva. Fl-2010 saru aktar minn 30 laqgħa ta' djalogo politiku fl-ivvelli differenti. L-UE kompliet issegwi l-integrazzjoni tar-Russja, bħala waħda mis-sħab strateġiċi tagħha, fis-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. L-UE kompliet tinvolvi ruħha mar-Russja dwar il-ħafna kwistjonijiet internazzjonali fuq nett tal-aġenda tal-PESK tal-UE, bħall-Iran, il-Lvant Nofsani aktar mifrux, l-Afganistan, u l-konflitti fit-tul fil-viċinat komuni, waqt li tirrikonoxxi l-interess tal-kisba tal-progress dwarhom. L-UE kompliet ukoll il-kooperazzjoni mar-Russja dwar kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima, it-terroriżmu, il-proliferażzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-kriminalità organizzata, it-traffikar illegali ta' kull tip u s-sigurtà tal-enerġija.

¹³ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar l-Unjoni għall-Mediterran fl-20 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0192).

¹⁴ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar il-konklużjonijiet tas-Summit UE/Russja (31 ta' Mejju - 1 ta' Ġunju) fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0234).

Fl-2010, il-"modernizzazzjoni" irriżultat dejjem aktar bħala t-tema ċentrali taż-żmien fil-kariga tal-President Medvedev. F'dan ir-rigward, ir-Russja identifikat lill-UE bħala l-imsieħba naturali tagħha. Il-ħidma dwar is-**Sħubija għall-Modernizzazzjoni** UE-Russja għamlet progress fl-2010, li tixhed il-fatt tal-interdipendenza b'saħħitha bejn l-UE u r-Russja u l-interess reċiproku f'kooperazzjoni mill-qrib.

Komplew in-negozjati dwar **Ftehim UE-Russja** ġdid, b'ħames ċikli li saru fl-2010. L-għan maqbul hu li jiġi konkluż qbil strateġiku li jipprovdi qafas komprensiv għar-relazzjonijiet UE-Russja għall-futur prevedibbli u jgħin biex jiġi żviluppat il-potenzjal tar-relazzjonijiet bejnietna. Huwa għandu jipprovdi bażi legali msaħħa u impenji legalment vinkolanti li jkopru l-oqsma prinċipali kollha tar-relazzjoni, kif inkluż fl-erba' spazji komuni UE/Russja u l-pjanijiet direzzjonali tagħhom. L-UE kompliet tenfasizza l-importanza ta' progress ibbilanċjat fl-oqsma kollha tan-negozjati, inkluż il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet sostantivi relatati mal-kummerċ u l-investment.

Fis-**sigurtà esterna**, fl-2010 tnedew taħditiet esplorattivi informali dwar Ftehim Qafas għall-parteeipazzjoni tar-Russja fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi tal-UE bħala riżultat tal-esperjenza pożittiva tal-kontribut tar-Russja għall-operazzjoni militari EUFOR TCHAD/RCA u l-koordinazzjoni mal-EUNAVFOR ATALANTA. Fl-1 ta' Ġunju 2010, l-UE u r-Russja ffirmaw ftehim ta' sigurtà.

Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżviluppi interni fir-Russja komplew iqajmu preokkupazzjonijiet fl-2010. Is-sitwazzjoni fil-Kawkasu tat-Tramuntana u s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bħal Oleg Orlov¹⁵ qanqlu tħassib b'mod partikolari. L-UE kompliet tqajjem dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħat ta' djalogu politiku tagħha mar-Russja, inkluż fis-Summits. Fl-2010 saru żewġ ċikli ta' konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn ippermettew lill-UE biex tesprimi l-preokkupazzjonijiet tagħha f'aktar dettall, inkluż dwar każijiet individwali u l-qtil ta' ġurnalisti u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

¹⁵ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fil-21 ta' Ottubru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kawkasu tat-Tramuntana (Federazzjoni Russa) u l-prosekuzzjoni kriminali kontra Oleg Orlov: P7_TA(2010)0390.

Viċinat tal-Lvant

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-2010 kienet ukoll sena ta' riflessjoni dwar **il-Viċinat tal-Lvant**, bħala parti mit-tħejjijiet għar-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Waqt li l-aspetti tal-PESK s'issa kienu xi ftit jew wisq nieqsa mis-Sħubija tal-Lvant, ir-rabta tagħha mal-politika estera ġenerali qed tiżdied. Il-programmi fuq il-binarju bilaterali tas-Sħubija għandhom l-għan li jappoġġaw riformi essenzjali u Miżuri għall-Bini tal-Fiduċja bħala prekondizzjonijiet għal riżoluzzjoni tal-konflitti. Twettqet ħidma fuq miżuri bħal dawn fil-kuntest tal-proċess ta' Ġinevra dwar il-konflitti ta' Ġeorġja^{16 17}, kif ukoll b'mod attiv lejn ir-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova. Il-gvern tar-Repubblika tal-Moldova b'mod konsistenti ssottolinja wkoll, meta tkellem dwar il-konflitt fir-reġjun Transnistrijan, li r-riformi mwettqa bl-għajnuna tal-UE ser jikkontribwixxu biex il-Moldova tkun aktar attraenti għall-popolazzjoni tar-reġjun separatista.

In-negozjati mal-**Ukraina**^{18 19 20} dwar Ftehim ġdid ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi bħala parti integrali Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva (DCFTA), komplew jagħmlu progress. L-UE baqgħet fiduċjuża li dawn setgħu jiġu konklużi sa tmiem l-2011 jekk l-Ukraina turi r-rieda politika biex tirriżolvi l-kwistjonijiet pendenti. Ir-Rappreżentant Għoli attendiet iċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni tal-President Yanukovich fi Frar 2010, u l-President tal-Kunsill Ewropew Van Rompuy żar Kyiv f'Lulju 2010. **Filwaqt li s-sena 2010 rat ir-ritorn tal-istabbiltà politika u ekonomika fl-Ukraina, kien hemm il-preokkupazzjonijiet li din l-istabbiltà rriżultat askapitu ta' tendenza tat-tnaqqis fid-demokratizzazzjoni. Din il-kwistjoni baqgħet minn ta' quddiem fuq l-aġenda tal-iskambji bejn l-UE u l-Ukraina.**

¹⁶ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ftehim bejn l-UE u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi fl-14 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0464).

¹⁷ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ftehim bejn l-UE u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni fl-14 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0472).

¹⁸ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina fil-25 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0035).

¹⁹ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-għajnuna makrofinanzjarja għall-Ukraina fit-18 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0169).

²⁰ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-Ukraina fil-25 ta' Novembru 2011 (P7_TA-PROV(2010)0444).

In-negozjati mal-**Moldova**^{21 22} dwar Ftehim ġdid ta' Assoċjazzjoni tnedew f'Jannar 2010 u matul is-sena mxew 'il quddiem b'pass tajjeb. Kompla l-appoġġ tal-UE għall-proċess ta' riforma tal-Moldova. Fl-istess ħin, l-involvement tal-UE fl-isforzi biex jiġi solvut il-konflitt fit-Transnistrija baqa' intensiv, madankollu bi f'tit progress tanġibbli. Fit-22 ta' Frar 2010, il-Kunsill Affarijiet Barranin adotta l-Konklużjonijiet dwar ir-Repubblika tal-Moldova u deċiżjoni li testendi miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Moldovan tat-Transnistrija, waqt li fl-istess ħin issospenda l-implimentazzjoni tagħhom sa Settembru 2010. F'din l-okkażjoni, il-Kunsill iddispjaciħ ukoll li ma sar l-ebda progress sostanzjali lejn soluzzjoni politika tal-konflitt fit-Transnistrija.

L-impenn tal-UE fil-**Kawkasu tan-Nofsinhar**²³ baqa' b'saħħtu fl-2010, bir-Rappreżentant Għoli tiltaqa' mal-President tal-Ġeorġja fil-25 ta' Marzu 2010 u mal-President tal-Armenja fis-27 ta' Mejju 2010. Fis-17 ta' Ġunju 2010, ġie ffirmat il-ftehim bejn l-UE u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-viża, segwit mill-Ftehim dwar ir-Riamissjoni fit-22 ta' Novembru 2010. Komplet ukoll il-ħidma favur it-titjib tar-relazzjonijiet kuntrattwali mal-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' inklużività, differenzjazzjoni u kondizzjonalità. F'Mejju 2010, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja għal Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010 ħarsu 'l quddiem għat-tnedija ta' negozjati għal Ftehimiet futuri ta' Assoċjazzjoni, inkluż dwar l-istabbiliment ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi ladarba l-pajjiżi jkunu laħqu l-kondizzjonijiet neċessarji. In-negozjati ma' kull wieħed mit-tliet pajjiżi bdew f'Lulju 2010, u minn dak iż-żmien sar ħafna progress. Il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE (EUMM) fil-Ġeorġja baqgħet fis-seħħ.

²¹ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar riformi u żviluppi implimentati fir-Repubblika tal-Moldova fil-21 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0385).

²² Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-KE u l-Moldova fl-24 ta' Novembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0428).

²³ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-ħtieġa ta' strateġija tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar fl-20 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0193).

L-iżviluppi interni fil-**Bjelorussja**²⁴ għamluha possibbli għall-UE biex issaħħaħ gradwalment ir-relazzjonijiet mal-pajjiż sakemm fi tmiem l-2010 l-avvenimenti bidlu l-perspettiva drastikament. Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li affermaw mill-ġdid li l-UE tinsab lesta biex tappfondixxi r-relazzjonijiet u tagħti appoġġ, dment li jkun hemm żviluppi pożittivi fir-rigward tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Il-Kunsill baqa' mħasseb fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, u dan impedixxa lill-UE milli tneħħi kompletament il-miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali fil-Bjelorussja. Ix-xejra pożittiva nkisret mill-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru fil-Bjelorussja u r-repressjoni vjolenti mill-awtoritajiet. Dan ħoloq reazzjoni qawwija mill-UE: fl-20 ta' Diċembru, ir-Rappreżentant Għoli ħarġet dikjarazzjoni ta' kritika, segwita fit-23 ta' Diċembru minn dikjarazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli u s-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Hillary Clinton dwar is-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni.

Asja Ċentrali

Tul l-2010, komplet l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali tal-UE, inkluż id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni teknika. F'April 2010, laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Asja Ċentrali ffukat fuq it-theddud u l-isfidi komuni, bħat-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi, in-nonproliferazzjoni u s-sigurtà tal-enerġija. Saru diversi laqgħat politiċi oħra fl-ivell għoli matul is-sena. F'Ġunju 2010, it-tieni Rapport ta' Progress konġunt Kunsill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Asja Ċentrali, ippreżentat lill-Kunsill Ewropew, innota li l-implimentazzjoni qiegħda fit-triq it-tajba u li għandha tingħata iktar attenzjoni biex l-isforzi tal-UE fir-reġjun isiru aktar viżibbli u tiġi intensifikata l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet politiċi. Seħħew bosta kuntatti bejn ir-RSUE għall-Asja Ċentrali u l-pajjiżi fir-reġjun, kif ukoll ma' partijiet terzi fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-reġjun.

²⁴ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-minoranzi nazzjonali fil-Bjelorussja fl-10 ta' Marzu 2010 (P7_TA-PROV(2010)0055).

L-UE baqgħet imħassba bis-**sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem** fl-Asja Ċentrali u dawn il-kwistjonijiet tqajmu fil-laqgħat kollha ta' livell għoli mal-pajjiżi kollha kkonċernati. F'konformità mal-Istrateġija dwar l-Asja Ċentrali, l-UE stabbilixxiet djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi kollha fir-reġjun. (Tul l-2010, saru konsultazzjonijiet minn dawn mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali. Fir-rigward tal-**Uzbekistan**, wara rieżami tas-sitwazzjoni, fil-25 ta' Ottubru 2010 l-Kunsill adotta Konklużjonijiet li jilqgħu l-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-UE u l-Uzbekistan f'għadd ta' oqsma waqt li ġie espress tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uzbekistan.

L-UE ħadmet mill-qrib man-NU, l-OSKE u atturi internazzjonali oħra biex tgħin lill-**Kirgistan** iwieġeb għat-taqlib politiku f'April u l-konflitti f'Ġunju 2010. L-involvement tal-UE, li fih ir-RSUE kellu rwol sinifikanti, ġie rifless f'sensiela ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi mir-Rappreżentant Għoli tal-UE u mill-Presidenza.

Balkani tal-Punent

Il-Balkani tal-Punent baqgħu waħda mill-ogħla prijoritajiet għall-UE fl-2010. Ir-Rappreżentant Għoli żaret Sarajevo, Pristina u Belgrad fi Frar 2010 biex tħeġġeġ id-djalogu politiku u l-progress lejn l-UE. Il-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy, żar ir-reġjun b'messaġġ ġenerali ta' appoġġ għall-perspettiva Ewropea tagħhom. Bil-Missjoni tal-Pulizija tal-UE u l-EUFOR ALTHEA fil-Bosnja-Herzegovina kif ukoll il-Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX Kosovo) r-reġjun jospita tliet missjonijiet importanti tal-PSDK li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-istabbiltà, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-istat tad-dritt.

Fit-8 ta' Novembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li jneħħi r-rekwiżiti tal-viża għaċ-ċittadini tal-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina²⁵, b'effett mill-15 ta' Diċembru. F'Diċembru, il-Kunsill ħa nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo ladarba jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha u l-intenzjoni tal-Kummissjoni, qabel ma tniedi djalogu bħal dan, li taqsam il-valutazzjoni tagħha mal-Kunsill dwar l-issodisfar ta' dawn il-kondizzjonijiet.

²⁵ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni leġislattiva dwar il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni (inkluża l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina) fis-7 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0349).

Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (PSA) kompla jipprovdi l-qafas globali ta' politika għar-relazzjonijiet u n-negozjati mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Fl-2010, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tiegħu għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, kif kien ikkonfermat mill-ġdid fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Balkani tal-Punent f'Sarajevo fit-2 ta' Ġunju 2010, li jibqa' essenzjali għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u l-ġejjieni tar-reġjun. Il-Kunsill afferma mill-ġdid ukoll il-hteġa għal kundizzjonalità ġusta u rigoruża, fil-qafas tal-PSA u skont il-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006.

L-UE tenniet l-importanza ta' **kooperazzjoni reġjonali u ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat** fil-proċess tal-mixja lejn l-UE. Waqt li nkiseb progress sinifikanti fl-2010, l-isfidi baqgħu għal kulħadd. Dawn jinkludu d-djalogu politiku kostruttiv, il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt inkluż l-iżgurar tal-libertà tal-espressjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, l-effettività u l-indipendenza tal-ġudikatura u t-titjib fil-kapaċità amministrattiva, kif ukoll l-indirizzar u s-soluzzjoni ta' kwistjonijiet bilaterali miftuħa. Il-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk (SEECIP) kellu rwol pożittiv f'dan il-kuntest. Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR) kompla jsaħħaħ il-kooperazzjoni fir-reġjun dwar għadd ta' kwistjonijiet ewlenin.

L-2010 rat progress sostanzjali mill-**Kroazja** fin-negozjati ta' adeżjoni, li daħlu fil-fażi finali tagħhom. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kroazja biex issolvi l-kwistjonijiet bilaterali pendenti kollha, b'mod partikolari t-tilwim dwar il-fruntieri, waqt li jittieħed kont tal-importanza ta' relazzjonijiet tajba mal-viċinat.

Wara l-applikazzjoni **tas-Serbja** għall-isħubija fl-UE fl-2009, fil-25 ta' Ottubru 2010 l-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tħejji opinjoni.

Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) UE-**Montenegro** daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010. Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Montenegro fis-16 ta' Diċembru 2010.

Il-Ftehimiet Interim bejn l-UE u l-Bosnja-Ħerzegovina kif ukoll bejn l-UE u s-Serbja - li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010 - komplew jiġu implimentati sakemm issir il-finalizzazzjoni tal-proċeduri kollha għad-dħul fis-seħħ tal-FSA.

Fil-każ tal-**Bosnja-Herzegovina**²⁶, il-Kunsill, f'Diċembru 2010 u wara l-elezzjonijiet tat-3 ta' Ottubru, tenna l-appell tiegħu għal involviment kostruttiv fid-djalogu politiku biex tiġi żviluppata viżjoni kondiviża dwar il-futur tal-pajjiż u biex l-aġenda tal-UE tidħol fil-qalba tal-programm tal-gvernijiet. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fil-BiH kompliet il-ħidma tagħha. L-EUFOR Althea kompliet taħdem b'mod effettiv u s-sitwazzjoni tas-sigurtà baqgħet ġeneralment kalma u stabbli. **Fil-Kosovo**²⁷, l-UE permezz tar-Rappreżentant Speċjali (RSUE Kosovo) tagħha u l-Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX) iżżomm il-preżenza qawwija tagħha, filwaqt li trawwem rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minoranzi u l-protezzjoni tal-wirt kulturali u reliġjuż. Matul l-2010 l-oqsma ta' interess għar-RSUE inkludew l-appoġġ għall-proċess politiku u l-kontribut għall-kooperazzjoni u l-istabbiltà reġjonali. Il-Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt għall-Kosovo (EULEX Kosovo) żammet ir-rwol importanti tagħha bħala aġent ta' stabbiltà.

F'Diċembru 2010, il-Kunsill tenna li l-UE tinsab lesta li tiffaċilita l-proċess ta' **djalogu bejn Belgrad u Pristina**, laqa' fir-Riżoluzzjoni 64/298 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li jippromwovi l-kooperazzjoni, jikseb progress fit-triq lejn l-UE u jtejjeb il-ħajjiet tan-nies. Il-proċess ta' djalogu fih innifsu jkun fattur għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun.) Il-Kunsill laqa' l-impenn ta' Pristina u ta' Belgrad li jinvolvu ruħhom fuq din il-bażi u talabhom biex juru spirtu kostruttiv.

F'Diċembru 2010, il-Kunsill ħeġġeġ bis-sħiħ lill-partiti politiċi fl-**Albanija**²⁸ biex jегħlbu l-istaġnar politiku attwali - li ilu għaddej mill-elezzjonijiet ta' Ġunju 2009 - billi jistabbilixxu djalogu politiku kostruttiv u sostnut biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma meħtieġa tal-UE, inkluż li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-parlament.

²⁶ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Bosnja-Herzegovina fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0238).

²⁷ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Kosovo fit-8 ta' Lulju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0281).

²⁸ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-Albanija fit-8 ta' Lulju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0282).

F'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (fYROM) il-Gvern ta' koalizzjoni stabbilit fl-2008 baqa' funzjonali u stabbli. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2010, il-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni u ddikjara li jinsab lest biex tirritorna għall-kwistjoni matul il-Presidenza li jmiss.

Iż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-ġirien, inkluż soluzzjoni negozjata u aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni tal-isem, taħt il-patroċinju tan-NU, hija essenzjali.

L-Asja

Hekk kif kompliet tiżdied l-influenza taċ-**Ċina**²⁹ f'affarijiet reġjonali u dinjija, l-UE ħeġġet liċ-Ċina biex tagħti sehemha fil-promozzjoni ta' stabbiltà reġjonali u biex ikollha rwol attiv biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżijiet reġjonali u biex jiġu ttrattati sfidi globali. Waqt l-ewwel parti tas-sena, dan iffoka fuq il-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom fil-qafas ta' wara Lisbona. Iż-żjara tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni fiċ-Ċina f'Mejju u l-ewwel Djalogu Strateġiku bejn il-Kunsillier tal-Istat Dai Bingguo u r-Rappreżentant Għoli f'Settembru - ukoll fiċ-Ċina - ikkontribwiet għat-tisħiħ tal-fehim reċiproku. Fil-kuntest ta' rieżami mill-UE tas-sħab strateġiċi tagħha, il-Kunsill Ewropew fis-16 ta' Diċembru qabel dwar il-ħtieġa li l-Ewropa tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha maċ-Ċina b'mod aktar assertiv u fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju għaż-żewġ naħat. Dan ipprova l-isfond għat-13-il summit UE-Ċina fi Brussell fis-6 ta' Ottubru. L-UE hija mħassba dwar id-deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina. Ir-reazzjoni taċ-Ċina għad-deċiżjoni li jingħata l-Premju Nobel għall-Paċi lid-dissident priġunier Liu Xiaobo³⁰ affetwat ir-relazzjonijiet bilaterali fl-aħħar jiem tal-2010.

Fil-kuntest tar-rieżami li għadu għaddej tas-sħab strateġiċi tal-UE, ir-Rappreżentant Għoli ppreżentat l-ewwel rapport ta' progress dwar is-sħubija strateġika maċ-Ċina lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2010. Din id-diskussjoni ser tikkontribwixxi għat-tnejjijiet għall-14-il summit, flimkien mal-kuntatti fuq livell għoli li għadhom għaddejjin bejn iż-żewġ naħat.

²⁹ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fit-Tibet: pjanijiet biex iċ-Ċin iż isir il-lingwa uffiċjali tat-tagħlim fil-25 ta' Novembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0449).

³⁰ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ ta' Liu Xiaobao fit-22 ta' Jannar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0006).

Is-**Summit UE-Ġappun** (28 ta' April 2010) kien ta' suċċess. Matul l-2010 l-UE u l-Ġappun ikkooperaw fi Skwadri għar-Rikostruzzjoni Provinċjali fl-Afganistan u ddeċidew li jkomplu jesploraw il-bini tal-kapaċità tal-pulizija Afgana kif ukoll li jorganizzaw seminar ta' bini tal-kapaċitajiet fit-Taġikistan bil-għan li tittejjeb il-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri. Il-Ġappun wera interess għall-ewwel darba li jikkontribwixxi persunal ċivili għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Kien hemm interazzjoni li ħalliet il-frott bejn l-unitajiet tal-EU NAVFOR ATALANTA u l-Forza ta' Awtodifiża Marittima tal-Ġappun. L-UE u l-Ġappun ikkoordinaw ukoll l-appoġġ tagħhom għall-attivitajiet taċ-ċentru ta' taħriġ reġjonali ppjanat ta' Djibouti u ċ-ċentri għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-Jemen, il-Kenja u t-Tanzanija.

Fis-Summit UE-Repubblika tal-Korea (6 ta' Ottubru 2010), l-UE ffirmat Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Korea t'Isfel u saħħet ir-relazzjonijiet tagħha ma' Soeul għal sħubija strateġika. Matul l-2010, l-UE ħarġet dikjarazzjonijiet li kkundannaw l-azzjonijiet mir-RDPK diretti kontra r-Repubblika tal-Korea li rriżultaw f'telf ta' ħajjiet.

Fl-**Afganistan**³¹, il-proċess ta' transizzjoni li kellu l-għan li jgħaddi gradwalment ir-responsabbiltajiet lill-Gvern Afgan beda fl-2010 bil-konferenzi ta' Londra u Kabul u s-Summit tan-NATO f'Lisbona. L-għajnuna ċivili u l-kooperazzjoni reġjonali wkoll ingħataw spinta 'l quddiem. Għall-ewwel darba f'Kabul, inħatar Rappreżentant tad-Delegazzjoni/RSUE bi rwol doppju biex isaħħaħ il-preżenza tal-UE fil-post, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni. Barra minn hekk l-UE introduċiet Tim għall-Valutazzjoni tal-Elezzjonijiet għall-Elezzjonijiet Parlamentari tal-2010 fl-Afganistan. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fl-Afganistan (EUPOL Afganistan) kompliet tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà u s-sikurezza għall-poplu Afgan f'soċjetà bbażata fuq l-istat tad-dritt.

³¹ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar strateġija ġdida għall-Afganistan fis-16 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0490).

Fl-4 ta' Ġunju 2010, l-UE kellha t-tieni Summit ad hoc mal-**Pakistan**³². Biex jiġi sostnut id-djalogu strateġiku, l-UE u l-Pakistan qablu li jfasslu Pjan ta' Impenn fuq ħames snin b'miri speċifiċi għal azzjonijiet konġunti. L-UE rreaġixxiet malajr għal għargħar li kien fost l-aktar qliel fl-istorja tal-Pakistan fis-sajf tal-2010, li affettwa aktar minn 20 miljun persuna. Il-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 qabel dwar l-elaborazzjoni ta' pakkett komprensiv ta' miżuri fuq terminu qasir, medju u twil fl-oqsma umanitarji, kummerċjali u tal-iżvilupp. Ir-Rappreżentant Għoli u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pakistan ospitaw flimkien laqgħa Ministerjali tal-Ħbieb tal-Grupp Pakistan Demokratiku fil-15 ta' Ottubru 2010 fi Brussell. Fil-Komunikat Konġunt wara l-laqgħa, il-Pakistan intrabat li jagħmel riformi ekonomiċi u istituzzjonali.

L-implimentazzjoni tal-Pjan tal-UE għat-Tishiĥ tal-Azzjoni tal-UE fl-Afganistan u l-Pakistan bdiet fl-2010, fi sfond ta' aktar konflitt fiż-żewġ pajjiżi.

Fl-2010, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-**Indja** kienu ddominati minn motivazzjoni determinata li tissaħħaħ id-dimensjoni politika u strateġika tas-sħubija strateġika, li tibqa' mhux żviluppata biżżejjed. L-ewwel żjara fl-Indja mir-Rappreżentant Għoli f'Ġunju mmarkat pass importanti f'dan ir-rigward. F'Diċembru 2010, sar il-ħdax-il Summit UE-Indja, kopresedut mill-Presidenti Van Rompuy u Barroso. L-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Indja dwar it-Terroriżmu Internazzjonali fis-Summit kien pass sinifikanti lejn it-tishiĥ tar-relazzjoni politika u strateġika, bħalma kien il-qbil biex tiġi ffukata l-kooperazzjoni konkreta għas-sigurtà fil-futur fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra l-piraterija. F'dawn il-laqgħat kollha, ġew diskussi wkoll il-kriżijiet reġjonali fin-Nofsinhar tal-Asja kif ukoll kwistjonijiet globali oħra ta' tħassib komuni. L-2010 rat ukoll laqgħa oħra ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem Indja-UE (fejn tressqet lill-awtoritajiet Indjani lista ta' għoxrin Difensur prominenti tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-UE qed tissorvelja s-sitwazzjoni tagħhom mill-qrib) u ż-żjara annwali issa abitwali mill-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE lejn Kashmir.

³² Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-libertà reliġjuża fil-Pakistan fl-20 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0194).

Id-drittijiet tal-bniedem komplew ikunu kwistjoni ewlenija fir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-**Sri Lanka** fl-2010, bl-UE tirtira l-konċessjonijiet kummerċjali GSP+ f'Awwissu fin-nuqqas ta' pjan direzzjonali biex iġib il-pajjiż f'konformità mal-obbligi internazzjonali tiegħu. Madankollu l-UE ħalliet miftuħa l-possibbiltà li jiġġedded id-djalogu mal-Kolombja, ibda minn xi kwistjonijiet settorjali ta' interess reċiproku.

L-UE żammet l-approċċ multidirezzjonali tagħha għall-**Birmanja/il-Mjanmar**. Dan ifisser li jinżammu l-miżuri restrittivi fis-seħħ waqt li tkompli tiġi pprovduta l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp. Id-djalogu u l-kuntatti mal-awtoritajiet inżammu fi ħdan l-ASEM u l-ASEAN. L-UE kompliet tappoġġa l-isforzi tan-NU. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' April 2010, l-UE kompliet bl-isforzi tagħha biex tinvolvi l-awtoritajiet tal-Birmanja/il-Mjanmar kif ukoll membri tal-oppożizzjoni u partiti etniċi, inkluż Aung San Suu Kyi fil-proċessi politiċi tal-pajjiż. L-UE ddispaċiha li l-awtoritajiet ma ħadux il-passi meħtieġa biex jiżguraw proċess elettorali ħieles, ġust u inklużiv fl-elezzjonijiet tas-7 ta' Novembru. L-UE baqgħet impenjata li tgħin fi transizzjoni paċifika għal sistema ċivil leġittima ta' gvern u li taħdem għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha.

L-UE kompliet id-djalogu politiku tagħha mal-**ASEAN** fil-livell Ministerjali permezz ta' laqgħa f'Mejju 2010. Din il-laqgħa affermat mill-ġdid l-importanza strateġika tal-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN. F'din l-okkażjoni, il-Ministri laqgħu l-progress fl-emendar tat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Asja (TAC) biex l-UE tkun tista' tissieħeb fit-Trattat u stennew b'interess l-adeżjoni tal-UE għat-TAC. L-UE għamlet ukoll progress sostantiv fin-negożjati għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) ma' għadd ta' pajjiżi tal-ASEAN, b'mod partikolari l-Vjetnam u l-Filippini³³. Ġew inizjalati ftehimiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Waqt li żżomm l-oġettiv strateġiku ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn ir-reġjuni, l-UE kompliet tfittex Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles bilaterali ma' pajjiżi rilevanti tal-ASEAN u qablet li tniedi negożjati mal-Malasja³⁴ u Singapor.

³³ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar il-Filippini fit-22 ta' Jannar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0007).

³⁴ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Malasja: il-prattika tas-swat bil-qasba fis-16 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0494).

It-Tmien **Summit tal-ASEM** (Laqgħa bejn l-Ewropa u l-Asja) sar fi Brussell fl-4-5 ta' Ottubru 2010, b'46 Kap ta' Stat jew ta' Gvern, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN, li indirizzaw kwistjonijiet bħat-titjib tal-governanza ekonomika globali, l-iżvilupp sostenibbli, kwistjonijiet globali, kwistjonijiet reġjonali, relazzjonijiet bejn il-popli tal-Asja u l-Ewropa u l-ġejjieni tal-ASEM. Minbarra d-Dikjarazzjoni tas-soltu tal-President, is-Summit ħareġ ukoll "Dikjarazzjoni dwar Governanza Globali Aktar Effettiva", biex b'hekk l-attenzjoni tiġi ffukata fuq dan is-suġġett hekk kif joqrob is-Summit tal-G-20 f'Soel.

Afrika

Fl-2010, l-UE kompliet tiżviluppa r-relazzjoni strateġika tagħha mal-Unjoni Afrikana (UA) u l-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani. L-**Istrateġija Konġunta Afrika-UE** baqgħet il-qafas ta' politika prinċipali transkontinentali. It-tieni Pjan ta' Azzjoni tagħha (2011-2013) ġie adottat fit-tielet Summit Afrika-UE³⁵ f'Novembru 2010. Matul is-sena saru għadd ta' laqgħat importanti oħra, notevolment it-tielet Laqgħa konsultattiva konġunta bejn il-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-u dak tal-UA.

Fir-rigward tas-Sħubija tal-Paċi u s-Sigurtà, sar progress dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA). Għall-ewwel darba ġie konkluż b'suċċess ċiklu kontinentali ta' taħriġ, li jevalwa l-kapaċità tal-UA biex tippjana, timmaniġġja u tmexxi operazzjoni ta' appoġġ tal-paċi tal-UA.

Kisbiet kbar fil-qasam tal-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem inkludew it-tnedija ta' Pjattaforma UE-Afrika għad-djalogu dwar il-governanza, l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-Fond ta' Assistenza elettorali tal-UA, koordinazzjoni aħjar bejn il-missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-UE u tal-UA, l-organizzazzjoni ta' seminars tas-soċjetà ċivili dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, djalogu biannwali dwar id-drittijiet tal-bniedem UE-UA u appoġġ għall-istrutturi tal-Mekkaniżmu Afrikan ta' Evalwazzjoni bejn il-Pari.

³⁵ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar il-futur tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika wara t-Tielet Summit bejn l-UE u l-Afrika fil-15 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0482).

Fl-2010, saru aktar passi biex tissaħħaħ is-sħubija strateġika tal-UE mal-**Afrika t'Isfel**. It-tielet Summit annwali Afrika t'Isfel-Unjoni Ewropea sar fit-28 ta' Settembru 2010, u offra opportunità biex l-Afrika t'Isfel tkun involuta bħala attur ewlieni fl-Afrika u medjatur potenzjali, notevolment dwar it-tibdil fil-klima u l-bini ta' sistema multilaterali effettiva. Laqgħat importanti oħra matul is-sena jinkludu l-laqgħa ta' djalogu politiku fil-livell Ministerjali li saret fi Brussell fil-11 ta' Mejju 2010 u kopreseduta mir-RGħ u l-Ministru tal-Afrika t'Isfel għar-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, kif ukoll iż-żjara tar-RGħ fl-Afrika t'Isfel f'Ottubru.

Fir-reġjun tas-**Sahel**, baqgħu preżenti l-problemi interkonnessi mill-qrib tas-sigurtà u tal-iżvilupp. Fl-2010 kompli t-traffikar illeċitu u żdiedu l-attakki, il-ħtif u l-qtil ta' ċittadini Ewropej minn Al-Qaeda fil-Magreb Iżlamiku. It-theddid transkonfinali għas-sigurtà flimkien mat-tensjonijiet interni mhux solvuti, il-fraġilità u l-kapaċitajiet dgħajfa tal-istati, in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni u impjegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, fixklu l-isforzi għall-iżvilupp. Dan ta' bidu għall-elaborazzjoni ta' Strateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Sahel. Abbażi tal-impenn eżistenti nazzjonali, bilaterali u multilaterali, l-UE ser taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-pajjiżi tar-reġjun, is-soċjetà ċivili u korpi reġjonali u internazzjonali, inkluż l-Unjoni Afrikana u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS).

Is-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fil-**Ginea Bissaw** kompliet tiddeterjora b'ribelljoni militari f'April ikkundannat bil-qawwa mill-UE, u n-nomina sussegwenti ta' persuni implikati f'avvenimenti antikostituzzjonali u oħrajn illegali fil-pożizzjonijiet militari prinċipali, ukoll miċħuda fermament mir-Rappreżentant Għoli tal-UE. Fid-dawl ta' dawn l'avvenimenti negattivi l-UE ddeċidiet li ttemm il-missjoni ta' PSDK tagħha EU SSR GUINEA BISSAU u tistudja l-ftuħ possibbli ta' proċedura tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u s-sanzjonijiet possibbli.

Fil-**Ginea**, is-sitwazzjoni politika tjobbet bil-konklużjoni paċifika tal-ewwel elezzjonijiet ħielsa u trasparenti mill-indipendenza tal-pajjiż u l-insedjament tal-President il-ġdid f'Diċembru. Dawn immarkaw pass importanti fil-progress tal-Ginea lejn id-demokratizzazzjoni u l-istat tad-dritt. L-UE żammet għadd ta' strumenti fis-seħħ: l-Artikolu 96, miżuri restrittivi inkluż sanzjonijiet, embargo fuq l-armi, u ffriżar tal-assi kontra membri tar-reġim militari fil-poter u persuni assoċjati magħhom.

Fil-**Côte d'Ivoire**³⁶, ir-riżultati tat-tieni parti tal-elezzjonijiet Presidenzjali li saret fit-28 ta' Novembru, waqt li ġew rikonoxxuti mill-komunità internazzjonali, ma kinux aċċettati mill-persuna fil-kariga. Dan ħoloq kriżi kbira. L-UE appoġġat bis-sħiħ lin-NU kif ukoll it-tmexxija u r-responsabbiltà Afrikana u b'mod partikolari l-isforzi tal-ECOWAS u l-Unjoni Afrikana. L-UE imponiet sanzjonijiet fuq il-persuna fil-kariga u persuni oħra involuti f'azzjonijiet illegali, vjolenti u antidemokratiċi, u espandiet il-lista f'Diċembru 2010 biex tkopri kemm il-persuni kif ukoll l-entitajiet rilevanti.

L-UE kienet attur ewlieni fil-**Qarn tal-Afrika** fl-2010, fejn uriet l-impenn kontinwu tagħha għar-reġjun permezz tal-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Ġunju. Dawn stiednu lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex jagħmlu proposti għal strateġija komprensiva tal-UE għal relazzjonijiet mal-Qarn tal-Afrika.

Fl-2010, l-UE intensifikat l-isforzi tagħha biex tikkumbatti l-piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja permezz ta' approċċ komprensiv li jinkludi l-operazzjoni tal-PSDK UE NAVFOR Atalanta u l-ġlieda kontra l-kawżi prinċipali tal-piraterija fis-Somalja (ara l-parti dwar l-operazzjonijiet fil-kapitlu E "*Aktar Effettiv, Kapaċi u Koerenti*" hawn isfel).

Fis-**Somalja**, l-UE kienet involuta b'mod attiv biex tappoġġa soluzzjoni paċifika u dejjiema għall-kriżi fis-Somalja fil-qafas tal-ftehim ta' Djibouti, f'koordinazzjoni mill-qrib man-NU u l-UA. L-UE saħħet l-impenn tagħha għal approċċ komprensiv għas-Somalja magħmul minn aspetti politiċi, ta' sigurtà, ta' żvilupp u umanitarji. Hija nediet Missjoni tal-PSDK biex tħarreġ forzi tas-sigurtà Somali (EURM Somalia).

³⁶ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire fis-16 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0492).

Fis-Sudan, l-elezzjonijiet f'April 2010 u, b'mod partikolari, it-tħejjijiet għar-referendum ta' awtodeterminazzjoni tas-Sudan t'Isfel f'Jannar 2011 iddominaw l-aġenda. L-UE osservat l-elezzjonijiet kif ukoll it-tħejjijiet, inkluż ir-reġistrazzjoni tal-votanti, għar-referendum. L-UE kompliet tappoġġa l-Grupp ta' Implimentazzjoni ta' Livell Għoli tal-UA għas-Sudan, li ta għajna importanti lill-partijiet għall-Ftehim Komprensiv ta' Paċi fin-negozjati tagħhom dwar kwistjonijiet pendenti u kwistjonijiet ta' wara r-referendum. Matul l-2010, l-attenzjoni tar-RSUE għas-Sudan kienet fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (CPA) fis-Sudan, b'mod speċjali ż-żamma tal-elezzjonijiet ġenerali f'April u t-tħejjijiet għar-referendum dwar l-awtodeterminazzjoni tas-Sudan t'Isfel f'Jannar 2011, kif ukoll in-negozjati ta' Doha dwar il-kisba ta' ftehim ta' paċi dejjiemi u komprensiv għad-Darfur.

Fil-**Madagaskar**³⁷, wara li l-gvern tneħħa illegalment fl-2009, il-Kunsill iddeċieda f'Ġunju li jadotta miżuri f'konformità mal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Kotonù li affettwaw l-għajna tal-UE. Dawn il-miżuri kkumplementaw dawk li ġew introdotti preċedentement mill-UA. L-UE appoġġat il-medjazzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC).

Fil-Lagi l-Kbar, kompla l-progress fir-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)^{38 39} u r-Rwanda. Il-proċess ta' paċi li għaddej fil-Lvant tar-RDK baqa' kumpless f'kuntest politiku u militari u s-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba fil-pajjiż baqgħet serja. L-UE tibqa' involuta fir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà bil-preżenza ta' żewġ missjonijiet tal-PSDK, l-EUSEC u l-EUPOL, li l-mandati tagħhom iġġeddeu u ġew allinjati. Ir-RSUE għal-Lagi l-Kbar kompla jiżgura s-segwitu tal-proċessi politiċi reġjonali fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (Goma, Nairobi, Juba u Burundi) inkluż mekkaniżmi ta' wara l-proċess ta' paċi. Barra minn dan, ir-RSUE kien involut b'mod attiv fi kwistjonijiet importanti tal-UE ta' tħassib: il-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali fir-RDK, il-ġlieda kontra l-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali u l-ġlieda kontra d-dijaspora tal-FDLR. Ir-RSUE ta gwida politika lokali liż-żewġ missjonijiet tal-PSDK fir-RDK (EUPOL u EUSEC).

³⁷ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Madagaskar fil-11 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0032).

³⁸ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo: il-każ ta' Floribert Chebeya Bahizire fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0244).

³⁹ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar in-nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo fis-7 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0350).

Ġie nnotat ukoll progress fil-proċess ta' paċi tal-**Burundi**. Il-moviment tar-ribelli tal-FNL ċeda l-armi, iddemobilizza u ġie ttrasformat f'partit politiku. Iċ-ċiklu elettorali tal-2010 (Presidenzjali, legiislattiv u lokali) mar tajjeb, kif ikkonfermat mill-missjoni ta' osservazzjoni elettorali Ewropea.

L-Ameriki

Tul l-2010, is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-**Istati Uniti** kompliet tissaħħaħ. Il-kuntatti bejn ir-Rappreżentant Ġholi u s-Segretarju tal-Istat Clinton kienu frekwenti u mill-qrib. Dan kien partikolarment il-każ wara t-terremot ta' Jannar f'Haiti u l-mobilizzazzjoni tal-appoġġ internazzjonali għall-Pakistan wara d-diżastru tal-għargħar f'nofs is-sena.

Fl-20 ta' Novembru 2010, is-**Summit UE-Stati Uniti**⁴⁰ f'Lisbona ffoka fuq l-impjiegi u t-tkabbir, l-isfidi globali, is-sigurtà taċ-ċittadini tagħna u l-politika estera. Huwa enfasizza ċ-ċibersigurtà bħala sfida kbira għas-sigurtà u qasam ewlieni għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, u stabbilixxa Grupp ta' Ħidma UE-Stati Uniti dwar il-kwistjoni. L-importanza tat-TEC (Kunsill Ekonomiku Transatlantiku), li ltaqa' fis-17 ta' Diċembru 2010, ġiet enfasizzata u r-rwol tiegħu biex jagħti spinta lill-kummerċ u joħloq l-impjiegi kien issottolinjat. Is-Summit UE-Stati Uniti pprovda wkoll lid-Djalogu ta' Żvilupp UE-Stati Uniti b'mandat ġdid biex jipproduċi pjan ta' ħidma għal kooperazzjoni mtejba dwar l-effettività tal-għajnuna qabel ir-raba' Forum ta' Livell Ġholi dwar l-effettività tal-għajnuna f'Busan f'Novembru 2011. Is-Summit kien ippreċedut minn laqgħa ministerjali tal-Kunsill dwar l-Enerġija UE-Stati Uniti kopreseduta mir-Rappreżentant Ġholi/Viċi President u s-Segretarju tal-Istat Clinton.

Il-**programm nukleari Iranjan** baqa' bħala preokkupazzjoni kbira kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Uniti. Konsultazzjonijiet mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti akkumpanjaw id-diskussjonijiet bejn l-Iran u ċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, ir-Russja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti u r-Rappreżentant Ġholi tal-UE. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti appoġġaw b'mod qawwi l-adozzjoni tal-UNSCR 1929, li estendiet l-għażla ta' miżuri restrittivi kontra l-Iran.

⁴⁰ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-Summit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-Kunsill Ekonomiku TransAtlantiku fil-11 ta' Novembru (P7_TA-PROV(2010)0396).

Il-kooperazzjoni UE-Stati Uniti estendiet għal għadd li qed jizzied ta' **operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi**, inkluż l-EUTM Somalia, l-EUNAVFOR Atalanta, u l-Missjoni tal-Istat tad-Dritt tal-UE fil-Kosovo (EULEX), li għalihom ikkontribwiet l-Istati Uniti b'persunal sekondat. Fl-Afganistan, l-isforzi ffukaw fuq il-kooperazzjoni tal-EUPOL mal-Combined Security Transition Command-Afganistan (CSTC-A), il-missjoni ta' taħriġ immexxija mill-Istati Uniti, issa marbuta mat-Training Mission-Afganistan (NTM-A) ġdida tan-NATO. Ftehim għas-sigurtà tal-ispazju UE-Stati Uniti dwar il-kooperazzjoni fir-riċerka. Il-kooperazzjoni UE-Stati Uniti estendiet ukoll għat-taħriġ u l-eżerċizzji. L-Istati Uniti osservat il-MILEX 10, il-ħames Eżerċizzju Militari tal-UE f'Ġunju.

L-UE u l-Istati Uniti komplew il-kooperazzjoni tagħhom mill-qrib dwar il-**għlieda kontra t-terroriżmu**, inkluż permezz tal-ftehim dwar il-Programm tal-Intraċċar tal-Finanzjament tat-Terroristi. Barra minn hekk, bdew negozjati għal ftehim dwar Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri abbażi tal-mandati adottati f'Diċembru.

Is-Summit UE-**Kanada**⁴¹ fi Brussell ta' Mejju 2010 ta l-opportunità għal diskussjonijiet estensivi. Dawn inkludew rieżami tal-aġenda bilaterali, li jiffoka fuq in-negozjati li għadhom għaddejnin għal Ftehim Kummerċjali u Ekonomiku Komprensiv, kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, kwistjonijiet internazzjonali, u l-presidenza Kanadiża tal-G8. Matul l-2010, il-Kanada baqgħet impenjata fil-missjonijiet tal-PSDK tal-UE fl-Afganistan, it-Territorji Palestinjani u l-Kosovo. Osservaturi Kanadiżi pparteċipaw fil-Missjonijiet ta' Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-UE fis-Sudan, l-Etjopja u l-Burundi. Il-Kunsill adotta mandat ta' negozjar għal Ftehim Qafas imtejjeb bejn l-UE u l-Kanada fis-6 ta' Diċembru.

⁴¹ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-Summit UE-Kanada fil-5 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0142).

Fl-2010 komplew jissaħħu r-relazzjonijiet politiċi mal-**Amerika Latina u l-Karibew**⁴². Is-sitt Summit UE-Amerika Latina u l-Karibew sar f'Madrid fit-18 ta' Mejju 2010, bil-parteċipazzjoni tal-Prezidenti tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u r-Rappreżentant Għoli. Fis-Summit, ġew konklużi n-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali, wara staġnar twil reġġhu bdew in-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Mercosur, tnedja l-Mekkaniżmu ta' Investiment tal-Amerika Latina (LAIF), ittieħdet id-deċiżjoni biex tiġi stabbilita l-Fondazzjoni UE-LAC, u ġie adottat Pjan ta' Azzjoni biex titrawwem l-implimentazzjoni ta' attivitajiet konkreti f'oqsma ewlenin. Fil-marġni tas-Summit, saru għadd ta' laqgħat importanti, inkluż laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin UE-LAC.

Is-Summit UE-**Messiku** (16 ta' Mejju) approva formalment il-Pjan Eżekuttiv Konġunt tas-Sħubija Strateġika UE-Messiku u qabel fuq l-importanza tat-tnedija ta' djalogi ta' politika settorjali dwar kwistjonijiet makroekonomiċi u s-sigurtà.

Is-Summit maċ-**Ċili** (17 ta' Mejju) kkonferma li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'dawn l-aħħar snin kien ta' suċċess. Huwa ffoka wkoll fuq is-sitwazzjoni wara t-terremot ta' Frar 2010.

Minbarra t-tnedija mill-ġdid tan-negozjati għal ftehim ta' assoċjazzjoni, is-**Summit mal-Mercosur** (17 ta' Mejju) irriżulta f'impenji mill-mexxejja biex jiġi evitat il-protezzjoniżmu, biex tinkiseb kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija u biex tiżdied il-koordinazzjoni fil-fora internazzjonali.

Is-Summit mal-**Komunità Andina** (19 ta' Mejju) laqa' l-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar ftehim kummerċjali mal-Kolumbja u l-Perù u ntrabat li jżid il-kooperazzjoni kontra d-drogi.

Fid-19 ta' Mejju, is-Summit mal-**Amerika Ċentrali** qabel li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u t-tibdil fil-klima.

⁴² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina fil-5 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0141).

Fis-17 ta' Mejju, is-Summit UE-**Forum Karibew tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku** (CARIFORUM) appoġġa d-djalogu politiku reġjonali mġedded, li tnedja aktar kmieni fir-rebbiegħa, u ddeċieda li tinbeda l-ħidma għal Strateġija Konġunta UE-Karibew u adotta qafas ġenerali.

L-**Assemblea Parlamentari Ewro-Amerika Latina** (EUROLAT) ikkontribwixxiet għas-Summit ta' Madrid billi ħarġet fil-15 ta' Mejju sensiela ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħall-kooperazzjoni bireġjonali, il-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali, il-Fondazzjoni UE-LAC, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli u l-kriżi finanzjarja.

Is-Summit UE-**Brażil** f'Lulju 2010 kkonferma s-solidità tar-relazzjoni strateġika tagħna. Huwa ffoka fuq it-tibdil fil-klima, il-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali u l-G20. Ġew iffirmati ftehimiet dwar l-avjazzjoni ċivili, u tnediet inizjattiva ta' kooperazzjoni trijangulari mal-Możambik fil-bijoenerġija.

Il-ħames sessjoni ta' djalogu politiku UE-**Kuba**⁴³ saret fl-10 ta' Ġunju f'Pariġi. Tqajmu kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, kif ukoll aġenda internazzjonali, notevolment it-tibdil fil-klima. Il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ottubru ta mandat lir-RGħ biex tagħmel analiżi tal-passi meħuda mill-gvern Kuban u tmexxi riflessjoni dwar l-implikazzjonijiet tagħhom għall-UE. Bħala parti mir-riflessjoni, u abbażi tal-Pożizzjoni Komuni, ir-RGħ nġhatat mandat li tagħmel tiftix u tirrapporta lura dwar il-progress.

Fis-segwitu tat-terremot traġiku f'**Haiti**⁴⁴ f'Jannar 2010, l-UE mmobilizzat għajjnha sostanzjali ta' appoġġ umanitarju u għall-iżvilupp għall-popolazzjonijiet milquta. L-UE tat appoġġ baġitarju kruċjali għaż-żamma tal-operazzjonijiet tal-gvern kif ukoll finanzjament f'għajjnha għall-proċess elettorali. Ir-Rappreżentant Għoli żaret Haiti f'Marzu 2010 u flimkien mal-Kummissarji Piebalgs u Georgieva attendiet il-konferenza tad-donaturi internazzjonali ta' New York ta' Marzu 2010 għall-appoġġ għar-rikostruzzjoni ta' Haiti, fejn ħabbret rahan waħdieni tal-UE ta' l fuq minn EUR 1,2 biljun.

⁴³ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Kuba fil-11 ta' Marzu 2010 (P7_TA-PROV(2010)0063).

⁴⁴ Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni dwar it-terremot f'Haiti fl-10 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0015).

Matul is-sena, seħħew Kumitat Konġunti mal-Arġentina, il-Messiku u ċ-Ċili. Fil-laqgħa mal-**Arġentina**, ġie adottat Pjan ta' Ħidma Konġunta għall-perijodu 2011-2013 bil-għan li jissaħħu r-relazzjonijiet bilaterali. Il-laqgħa mal-**Messiku** ppermettiet valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjan Eżekuttiv, fi ħdan il-qafas tas-Sħubija Strateġika UE-Messiku. L-ewwel djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Messiku sar matul is-sena⁴⁵. Fil-każ taċ-**Ċili** d-diskussjonijiet ikkonċentraw fuq id-diversi oqsma tar-relazzjoni bilaterali, fosthom l-implimentazzjoni tal-Assoċjazzjoni għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (ADI). Fil-livell subreġjonali, il-**Komunità UE-Andina** ltaqgħet f'Marzu 2010 u kopriet diversi aspetti tar-relazzjonijiet attwali tagħna, fosthom il-għlieda kontra d-drogi, it-tibdil fil-klima u s-sitwazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE.

Fil-laqgħa ministerjali tal-**Grupp ta' Rio** f'New York f'Settembru 2010 ġew diskussi l-prospetti għall-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC).

B: L-indirizzar tat-theddid u l-Isfidi Globali

Nonproliferazzjoni u Diżarm

Matul l-2010, l-attivitajiet tal-UE f'dan il-qasam komplew ikunu bbażati fuq l-Istrateġija tal-UE tal-2003 kontra l-proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (AQM)⁴⁶ u l-Istrateġija tal-UE tal-2005 għall-għlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW)⁴⁷. Huma kkonċentraw fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2008 għall-AQM⁴⁸, li għandu l-għan li jagħmel il-politika ta' nonproliferazzjoni prijorità trasversali tal-politika tal-UE u tal-Istati Membri, billi jqajjem kuxjenza, jidentifika l-aħjar prattiki u jħeġġu koordinazzjoni aħjar.

⁴⁵ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar iż-żieda tal-vjolenza fil-Messiku fil-11 ta' Marzu 2010 (P7_TA-PROV(2010)0067).

⁴⁶ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/03/st15/st15708.en03.pdf>

⁴⁷ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/06/st05/st05319.mt06.pdf>

⁴⁸ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/08/st17/st17172.mt08.pdf>

L-UE kompliet tappoġġa l-universalizzazzjoni tat-trattati internazzjonali rilevanti u strumenti oħra kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. Dan sar notevolment permezz ta' azzjonijiet u proġetti konkreti ffinanzjati taħt il-baġit tal-PESK⁴⁹. L-UE kompliet ukoll tintegra n-nonproliferazzjoni tal-AQM⁵⁰ u s-SALW⁵¹ fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha ma' stati terzi. Fl-2010, intlaħaq qbil dwar klawnsoli minn dawn ma' diversi pajjiżi, fosthom il-Vjetnam, il-Filippini, u l-Mongolja.

Armi ta' Qerda Massiva u l-kunsinni tagħhom

L-UE kkontribwixxiet għall-eżitu b'suċċess tal-Konferenza ta' Reviżjoni tat-**Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP)** tal-2010 u hija impenjata fl-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni adottati dwar it-tliet pilastri kollha tat-TNP, id-diżarm nukleari, in-nonproliferazzjoni u l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari, inkluż il-ftehimiet milħuqa dwar il-Lvant Nofsani. Fis-segwitu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP, l-UE intensifikat l-isforzi biex tħejji Seminar tal-UE li għandu jsir fl-2011, fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/799 adottata fit-13 ta' Diċembru 2010 li tappoġġa l-proċess ta' bini tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi ta' qerda massiva u l-kunsinni tagħhom fil-Lvant Nofsani.

Sforzi mġedda mir-Rappreżentant Għoli, flimkien ma' Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, biex jinvolvu lill-Iran f'negozjati kostruttivi ntlagħu b'reazzjonijiet inadegwati min-naħa tal-Iran. Dan wassal għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet addizzjonali mill-KSNU, li ġew ikkumplementati minn miżuri addizzjonali tal-UE. L-objettiv tal-UE għadu li tibni relazzjoni dejjiema mal-Iran ibbażata fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni. Dan jiddependi fuq il-progress dwar il-kwistjonijiet ta' tħassib kollha, l-ewwel u qabel kollox il-kwistjoni nukleari, iżda wkoll it-terroriżmu, l-approċċ tal-Iran għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, kwistjonijiet reġjonali u d-drittijiet tal-bniedem.

⁴⁹ ara l-Anness I u III [spazju riżervat: lista kompluta li għandha tingħata mit-tim tal-Grupp ta' Ħidma għall-Koordinazzjoni tal-Politika/Relex tas-SEAE]

⁵⁰ Għal aktar tagħrif żur is-sit elettroniku tad-Dipartiment ta' Non-proliferazzjoni tas-SEAE:

<http://www.consilium.europa.eu/showpage.aspx?id=392&lang=en>

⁵¹ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/08/st17/st17186.mt08.pdf>

Dwar il-Korea ta' Fuq (**RDPK**)⁵², l-UE kompliet bl-appoġġ qawwi tagħha għall-proċess ta' Taħditiet bejn Sitt Partijiet u l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1718 u 1874. Hija ħeġġet ir-rikonċiljazzjoni inter-Koreana kif ukoll l-istabbiltà reġjonali u d-denuklearizzazzjoni tal-peniżola. L-UE żammet it-tħassib tagħha dwar l-attivitajiet ta' proliferazzjoni esterni mir-RDPK. L-UE fakkret fil-ħtieġa għar-RDPK li tabbanduna l-armi nukleari u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod komplut, verifikabbli u irreversibbli⁵³.

L-UE kompliet tippromwovi d-dħul fis-seħħ bikri tat-**Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBT)** u adottat Deċiżjoni tal-Kunsill⁵⁴ sabiex jingħata aktar appoġġ lill-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' Thejjiġa tal-Organizzazzjoni tat-**Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO)**.

L-UE kompliet ukoll tagħti appoġġ lill-**Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA)** fi Vjenna. L-UE għadha d-donatur ewlieni għall-fond għas-sigurtà nukleari li minnu jgawdu aktar minn 50 pajjiż fl-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Amerka Latina u l-Asja, u tinsab lesta li tagħti kontribut sostantiv għall-bank ta' karburant nukleari tal-IAEA u għall-modernizzazzjoni tal-Laboratorji ta' Salvagwardja tal-IAEA f'Seibersdorf.

Taħt is-Sħubija Globali, l-UE tinsab fil-ħin biex fl-2012 tilħaq l-impenn tagħha ta' EUR biljun b'aktar minn EUR 800 miljun li ntnefqu u EUR 900 miljun impenjati mil-lum.

Fil-qasam tal-**Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC)**, ittieħdu miżuri marbuta mal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjoni. L-UE kompliet taħdem fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'Lulju 2009 li tibni fuq l-esperjenzi ta' suċċess tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). L-UE bdiet ukoll ħidma fuq il-pożizzjoni tagħha dwar il-ġejjieni tal-OPCW.

⁵² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Korea ta' Fuq fit-8 ta' Lulju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0279).

⁵³ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1283/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. ĠU L346 datat 23.12.2009 p. 1-25.

⁵⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-**Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO)** sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EU kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva.

L-UE kompliet taħdem sabiex tipprevjeni t-**theddida mill-armi bijoloġiċi**, li hija preokkupazzjoni li qed tikber fid-dinja kollha. Il-bażi ta' din il-ħidma hija pprovduta minn żewġ Azzjonijiet Konġunti, waħda b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BTWC), li tinkludi għadd ta' proġetti b'appoġġ għal miżuri ta' universalizzazzjoni, implimentazzjoni nazzjonali u ta' bini tal-fiduċja, u waħda li tappoġġa l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa f'attivitajiet ta' bijosigurtà u bijosikurezza li timplimenta r-Regolament Internazzjonali tas-Saħħa, filwaqt li tagħraf l-importanza ta' miżuri preventivi ta' bijosigurtà u bijosikurezza għas-sigurtà internazzjonali. L-UE bdiet ukoll it-tnejn tal-prijoritajiet tagħha (il-fiduċja fil-konformità, l-implimentazzjoni nazzjonali u l-universalizzazzjoni tal-konvenzjoni) għal eżitu ta' suċċess tal-Konferenza ta' Reviżjoni 2011 tal-BTWC u wettqet konsultazzjonijiet intensivi fil-marġini tal-Laqqgħa tal-Istati Partijiet 2010 għal dak il-għan.

Fir-rigward tal-**proċessi ta' kontroll fuq l-esportazzjoni**, l-UE appoġġat l-implimentazzjoni tar-Risoluzzjonijiet UNSCR 1540, 1673 u 1810 permezz ta' Azzjoni Konġunta tal-Kunsill⁵⁵ li għandha l-għan li ssaħħaħ il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-uffiċjali tal-istat ta' pajjiżi terzi. Diversi workshops reġjonali ġew kofinanzjati mill-UE, biex b'hekk setgħet issir il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi u n-nuqqasijiet fil-qasam tal- kontroll fuq l-esportazzjoni.

L-UE kompliet l-implimentazzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill⁵⁶ b'appoġġ għall-**Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja** (HCoC). Dan huwa l-uniku strument internazzjonali li jittratta l-missili, li huma l-vettura ewlenija tal-AQM. F'dan, huwa kruċjali li jintlaħqu stati mhux firmatarji.

L-UE kompliet il-ħidma tagħha fuq abbozz ta' Kodiċi ta' Kondotta internazzjonali li jtejjeb **il-bini tal-fiduċja u t-trasparenza f'attivitajiet spazjali**, f'konsultazzjoni ma' pajjiżi terzi.

⁵⁵ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK adottata fl-14.05.2008 (ĠU L 127/15.05.2008, p. 78-83)

⁵⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/974/PESK adottata fit-18.12.2008 (ĠU L 345/23.12.2008, p. 91-95)

Armi Konvenzjonali: Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW), Mini tal-Art kontra l-Persunal (APL) u Fdalijiet Esplożivi tal-Gwerra (ERW)

Il-**politika** tal-Istati Membri **għall-kontroll fuq l-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali** kompliet titmexxa mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' Diċembru 2008, li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari. Permezz tal-implimentazzjoni tagħhom ta' din il-Pożizzjoni Komuni l-Istati Membri tal-UE japplikaw kontrolli responsabbli u trasparenti fuq l-esportazzjoni tal-armi.

Fl-2010, l-UE kienet partikolarment attiva f'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, finanzjament u appoġġ għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi ta' **kontrolli fuq l-esportazzjoni tal-armi** effettivi. L-UE kompliet tappoġġa n-negozjar ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT), bit-tweqqig ta' sforzi ta' sensibilizzazzjoni madwar id-dinja kollha⁵⁷. Fl-2010, ġiet adottata Deċiżjoni tal-Kunsill biex tappoġġa l-proċess ta' negozjati tal-ATT.

F'konformità mal-istrateġija tagħha tal-2005 dwar il-kwistjoni, l-UE kompliet tippromwovi kontroll strett fuq l-**Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir** (SALW) fil-fora multilaterali kollha u d-djalogu politiku tagħha ma' pajjiżi terzi. L-UE ffinanzjat, pereżempju, l-iżvilupp ta' għodod u tekniki użati għal kontrolli mmirati tal-inġenji tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru suspettati li jipparteċipaw fil-kummerċ illiċitu tas-SALW⁵⁸. Hija tat ukoll għajnuna għall-ġestjoni tal-ħażniet, il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u r-rappurtaġġ tat-trasferiment tal-armi u d-distruzzjoni ta' dak li baqa' żejjed fil-Balkani tal-Punent.

⁵⁷ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/42/PESK tad-19 ta' Jannar 2009 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE sabiex jiġi promoss il-proċess li jwassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi fost pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 17/22.01.2010, p. 39-44) u Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/336/PESK tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 152/18.06.2009, p. 14-20).

⁵⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill [2010/765/PESK](#) adottata fit-2 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 327/11.12.2010, p.44-48)

L-UE komplet tippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tal-**Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Mini tal-Art kontra l-Persunal kif ukoll tal-Konvenzjoni dwar Munizzjon ta' Tferrix (CCM)**. Fl-2010, kienet attiva wkoll fin-negozjar ta' **protokoll ġdid dwar munizzjon ta' tferrix** ("cluster munitions") għall-Konvenzjoni tan-NU dwar Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW), u ħadet sehem bħala osservatur fl-ewwel Konferenza tal-Istati Partijiet fil-Konvenzjoni ta' Oslo dwar il-Munizzjon ta' Tferrix (Vientiane 8-12 ta' Novembru 2010)⁵⁹.

Terroriżmu

Matul l-2010, l-UE indirizzat it-theddida terroristika fil-qafas tan-NU u r-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Fit-twettiq ta' dan, kienet iggwidata mill-prinċipju li miżuri effettivi kontra t-terroriżmu u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt huma għanijiet kumplementari u li jsaħħu lil xulxin. F'termini ta' oqsma tematiċi, ingħatat prijorità lill-prevenzjoni, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, u l-finanzjament tat-terroriżmu, fl-UE u lil hinn.

Fil-kuntest tal-appoġġ kontinwu tal-UE għall-Istrateġija Globali tan-NU tal-2006 Kontra t-Terroriżmu u għall-inizjattivi tal-G8 fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fi ħdan il-Grupp ta' Hídma Roma-Lyon, l-UE nidiet inizjattiva fl-Asja Ċentrali bi ħsieb li ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u ssaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali.

Il-Pakistan u l-Afganistan, ix-Xlokk tal-Asja, is-Saħel, il-Jemen, is-Somalja u l-Qarn tal-Afrika u l-Asja Ċentrali għadhom prominenti fuq l-aġenda tal-UE kontra t-terroriżmu. Is-Saħel qiegħed jiġbed dejjem aktar attenzjoni mill-UE, minħabba l-ħtieġa ta' rispons għas-sitwazzjoni ta' sigurtà li sejra għall-agħar u ta' prevenzjoni tal-ħtif ta' ċittadini tal-UE. L-UE saħħet ukoll id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi dwar il-bini ta' kapaċitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Saru djalogi mal-Marokk, ir-Russja, il-Ġappun, l-Istati Uniti, l-Indja u n-NU. L-istrument finanzjarju ewlieni biex jingħata appoġġ lil pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu għadu l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS).

⁵⁹ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2010 tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet ta' Tferrix (CCM) u r-rwol tal-UE fit-8 ta' Lulju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0285).

Sigurtà tal-enerġija

B'kont meħud tal-vulnerabbiltà tal-UE, kif inkixfet fi kriżijiet reċenti, kif ukoll tal-potenzjal tal-Unjoni għal titjib, is-sigurtà tal-enerġija baqgħet tema ewlenija għall-UE matul l-2010. Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona introduċa dispożizzjonijiet importanti ġodda dwar l-enerġija, b'mod partikolari billi stipula li l-politika tal-Unjoni fl-enerġija ser tipprova tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni. F'Novembru 2010, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Enerġija 2020: Strateġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u b'sigurtà" enfasizzat l-interrelazzjoni mill-qrib bejn is-sigurtà tal-enerġija u l-politika estera u ta' sigurtà.

Ir-relazzjoni tal-UE mar-Russja fil-qasam tal-enerġija kompliet tkun karatterizzata minn interdipendenza qawwija, hekk kif ir-Russja għadha l-fornitur estern ewlieni ta' enerġija għall-UE u l-UE l-akbar konsumatur tal-idrokarburi Russi. Il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija dwar l-Enerġija UE-Russja, iffirmit f'Novembru 2009, intuża fl-2010 meta t-tilwim bejn ir-Russja u l-Bjelorussja affettwa temporanjament it-transitu taż-żejt u l-gass mill-Bjelorussja għall-UE. Is-Summits bejn l-UE u r-Russja f'Mejju/Ġunju 2010 u f'Diċembru 2010, kif ukoll il-Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja dwar l-Enerġija f'Novembru 2010, ipprovdew fora siewja biex jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet ta' sigurtà tal-enerġija.

Minkejja l-irtirar tagħha mit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija (ECT) fl-2009, ir-Russja kompliet tipparteċipa matul l-2010, fuq livell tekniku, f'diversi laqgħat dwar il-Karta tal-Enerġija. F'Novembru 2010, ir-Russja għarrfet lill-UE bit-test ta' abbozz ta' Konvenzjoni dwar l-Iżgurar tas-Sigurtà Internazzjonali tal-Enerġija.

Fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni msaħħa fl-enerġija mal-UE, il-Moldova ssieħbet mal-Komunità tal-Enerġija f'Mejju 2010, u l-Ukraina ppjanat li tagħmel dan lejn il-bidu tal-2011. Dan estenda għal dawn iż-żewġ pajjiżi s-suq intern tal-enerġija tal-UE bbażat fuq ir-regoli, filwaqt li saħħaħ is-sigurtà tal-enerġija. Il-ħidma fuq l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija tal-Ukraina u l-Moldova mal-UE mxiet 'il quddiem fl-2010.

Komplew id-diskussjonijiet bilaterali dwar l-enerġija ma' pajjiżi terzi oħra. B'mod partikolari, ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil mal-Iraq f'Jannar 2010. It-tieni fażi tal-kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-enerġija tal-Ewromed **li tinvolvi regolaturi tal-UE u seba' pajjiżi Għarab, l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana bdiet fl-2010.**

It-tiġni tal-konnessjonijiet tat-trasport tal-enerġija baqa' wkoll qasam ewlieni ta' prijorità fl-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali. Inħoloq aktar momentum għall-kooperazzjoni matul is-sena permezz ta' kuntatti ta' livell għoli u laqgħat tekniċi tal-gruppi ta' ħidma.

Sabiex tippromwovi l-użu mifruż u sostenibbli tal-enerġija rinnovabbli, l-UE saret membru sħiħ tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) billi rratifikat l-istatut tagħha f'Lulju 2010.

Tibdil fil-Klima u Sigurtà Internazzjonali (CCIS)

Matul l-2010, kompliet l-implimentazzjoni tad-Dokument Konġunt tal-2008 għall-Kunsill Ewropew⁶⁰ mis-SĠ/RĠ Solana u l-Kummissjoni Ewropea, u l-Konklużjonijiet segwenti tal-Kunsill. Din il-ħidma implimentattiva kkonċentrat fuq it-titjib tad-djalogu u t-tiġni tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' atturi multilaterali oħrajn, djalogu sistematiku ma' pajjiżi terzi biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali ta' sigurtà għar-reġjun mit-tibdil fil-klima, u s-sensibilizzazzjoni u r-rispons konġunt għall-implikazzjonijiet tat-tibdil tal-klima għas-sigurtà. Il-kisbiet kienu jinkludi djalogu transatlantiku, magħmul minn diversi workshops u seminars, dwar it-tibdil fil-klima u s-sigurtà għal rappreżentati tal-gvern, tad-dinja akkademika u tas-soċjetà ċivili mill-Amerika ta' Fuq u mill-Ewropa.

Il-ħila tal-UE li tindirizza s-CCIS kompliet tiġi żviluppata. Il-Grupp ta' Tmexxija informali tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà Internazzjonali kompli bil-ħidma tiegħu bħala l-forum ewlieni ta' diskussjoni u koordinazzjoni dwar is-suġġett tas-CCIS fl-UE. Il-Persunal Militari tal-UE u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża esploraw modi kif jitnaqqas l-impatt tal-operazzjonijiet tal-PSDK fuq l-ambjent.

⁶⁰ Irreferi għal "Il-bidla fil-klima u s-sigurtà internazzjonali" (dok. tal-Kunsill 7249/08).

Fil-kuntest usa' tan-negozjati dwar it-tibdil fil-klima, wara l-konferenza ta' Kopenhagen, il-Kunsill Ewropew f'Marzu 2010 appella lill-UE biex issaħħaħ is-sensibilizzazzjoni ta' pajjiżi terzi billi t-tibdil tal-klima jiġi indirizzat fil-laqgħat reġjonali u bilaterali kollha, inkluż fil-livell ta' summit, kif ukoll fora oħra bħall-G20. Dan ġie implimentat fil-livelli kollha matul l-2010.

In-Netwerk Diplomatiku Ekoloġiku tal-UE, inniedi fl-2003, wettaq ħidma importanti ta' tħejjija qabel is-16-il Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancún, f'Diċembru 2010.

C. Kontribut għal Ordni Multilaterali aktar Effettiv

Filwaqt li għarfet li sfidi globali jeħtieġu soluzzjonijiet globali, l-UE żammet l-appoġġ inekwivoku tagħha għall-multilateraliżmu, kif affermat mill-ġdid fit-Trattat ta' Lisbona. Matul is-sena, l-isforzi kkonċentraw fuq l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona.

Nazzjonijiet Uniti

It-tiġih tan-NU baqa' element ewlieni fl-azzjoni esterna tal-UE. Għall-Assemblea Ġenerali (AĠ) 65 tan-NU⁶¹, l-UE tat prijorità lill-indirizzar tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, id-Drittijiet tal-Bniedem u r-riforma tas-sistema tan-NU.

Sa minn kmieni fl-2010, l-UE fittxet riżoluzzjoni fl-AĠNU dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU, bil-għan li tiġi implimentata r-rappreżentazzjoni esterna li tirriżulta mit-Trattat ta' Lisbona fin-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jinżamm l-istatus tal-UE ta' osservatur. Wara differiment ta' azzjoni fl-14 ta' Settembru 2010, ir-Rappreżentant Għoli stabbilixxiet Task Force biex tiżgura suċċess fil-kampanja. Ittiegħdu passi politiċi fi bliet kapitali ta' pajjiżi terzi matul Ottubru u Novembru 2010 biex jindikaw b'mod ċar l-involviment mill-ġdid tal-UE f'dan il-proċess. Fi tmiem din l-ewwel fażi, ġew organizzati konsultazzjonijiet tal-intier fi New York fit-22 ta' Novembru 2010. B'kont meħud tal-kummenti u s-suġġerimenti magħmula mill-membri tan-NU matul dawn il-konsultazzjonijiet, abbozz rivedut ta' riżoluzzjoni ntbaġħat lill-membri tan-NU fid-9 ta' Diċembru 2010. Abbażi tat-test il-ġdid, tnediet kampanja komprensiva u globali biex jinġabar appoġġ għall-abbozz rivedut ta' riżoluzzjoni.

⁶¹ Kif tinsab fid-dok. 10170/10. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Marzu 2010 l-Parlament Ewropew għamel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-65 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (P7_TA(2010)0084).

Matul l-2010, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) kompli jkun ta' prijorità kbira għall-UE fin-NU. L-UE kompliet tiddiskuti u taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-kunċett fl-istrumenti u l-politika tal-UE u l-Istati Membri.

B'direzzjoni pprovduta mill-UE, in-NU ħadet pass determinat lejn aktar operazzjonalizzazzjoni u titjib tal-kunċett ta' Protezzjoni ta' Ċivili f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat (PoC). L-inklużjoni ta' attivitajiet tal-PoC f'mandati għal operazzjonijiet ta' paċi tan-NU marret id f'id ma' tisħiħ suċċessiv tal-protezzjoni fil-post li għalihom is-sensibilizzazzjoni u d-diplomazija determinata tal-UE kienu kruċjali. Fl-istess ħin l-UE aġġornat il-linji gwida tagħha għall-PoC f'Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK.

Ir-reviżjoni tal-arkitettura ta' konsolidazzjoni tal-paċi tan-NU kienet waħda mill-iżviluppi kruċjali fin-NU fl-2010. L-UE qdiet rwol ta' tmexxija fit-trawwim ta' impenn imġedded u l-għoti ta' ħajja mill-ġdid lill-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (PBC). Involvement qawwi u bikri mill-UE u l-Istati Membri tagħha żgura li r-reviżjoni kkonċentrat fuq it-tweqqif sabiex ikun hemm involviment aktar rilevanti u flessibbli tal-PBC fil-post u relazzjoni aktar b'saħħitha mal-Kunsill tas-Sigurtà u l-Assemblea Ġenerali tan-NU kif ukoll kif ukoll Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet bdiet minnufih u hija appoġġata mill-UE.

OSKE⁶²

Matul l-2010, l-UE appoġġat l-isforzi tal-OSKE f'diversi kwistjonijiet reġjonali u tematiċi. L-UE tat attenzjoni partikolari għat-twissija bikrija il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, il-ġestjoni ta' kriżijiet u r-rijabilitazzjoni ta' wara l-kunflitt inkluż permezz tal-ħidma tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali u l-ħidma ta' bini ta' fiduċja u demokrazija tal-missjonijiet tal-OSKE fil-post, kif ukoll tad-Dimensjoni Umana tak-OSKE, inkluż permezz tal-għoti ta' appoġġ għall-ħidma tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u r-Rappreżentant għal-Libertà tal-Mezzi tax-Xandir. Il-kooperazzjoni mal-OSKE ġiet żviluppata aktar fl-oqsma tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri u l-kontroll tad-droga.

⁶² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-tisħiħ tal-OSKE – rwol tal-UE fil-11 ta' Novembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0399).

L-UE kompliet tisħaq dwar l-importanza li tagħti lill-ħarsien tal-indipendenza tal-istituzzjonijiet tal-OSKE. L-UE semmghat leħinha wkoll b'mod konsistenti u ħeġġet għal miżuri fil-konfront tal-iżviluppi negattivi fil-libertà tal-mezzi tax-xandir fir-reġjun tal-OSKE, kif ukoll tal-attakki kontra ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE kompliet tagħti kontribut attiv għad-djalogu dwar il-ġejjieni tas-sigurtà Ewropea, billi bniet fuq il-Proċess ta' Korfu mibdi matul il-Kunsill Ministerjali ta' Ateni fl-2009, partikolarment billi qdiet rwol strumentali fit-tħejjija tas-Summiet tal-OSKE f'Astana f'Diċembru 2010. Kien parti kbira grazzi għall-isforzi tal-UE li s-Summit kiseb suċċess mhux ħażin permezz tal-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni Politika li tafferma mill-ġdid il-prinċipji ta' Helsinki u li fiha viżjoni għall-futur ta' komunità ta' sigurtà Ewro-Atlantika u Ewrasjatika. B'mod partikolari, ir-rwol tal-UE kien deċiżiv biex jiżgura li d-Dikjarazzjoni tirrifletti mingħajr ambigwià l-impenji eżistenti lejn it-tliet dimensjonijiet tal-OSKE.

Kunsill tal-Ewropa

L-UE kompliet bil-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, notevolment fil-qasam tal-PEV u l-Balkani tal-Punent, dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja dwar kwistjonijiet kostituzzjonali u leġislattivi baqgħet tajba, bi prospettivi ġodda għal kooperazzjoni fin-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Asja Ċentrali. F'Lulju l-UE daħlet f'negozjati għall-adeżjoni fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u f'Settembru 2010 fetthet Delegazzjoni għall-Kunsill tal-Ewropa.

D. Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Il-ħidma tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt kienet ikkaratterizzata mill-fatt li l-2010 kienet l-ewwel sena sħiħa tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona. Iċ-ċentralità ta' dawn il-kwistjonijiet kienet riflessa fil-kummenti tar-Rappreżentant Għoli lill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Ġunju 2010. F'din l-okkażjoni, hija affermat il-linji wiesgħa tal-approċċ tagħha għad-drittijiet tal-bniedem. Hija ħabbret ukoll it-tneđija ta' proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-politika tal-UE u biex jinforma strateġija ġdida tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem⁶³.

Il-ħidma multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem żviluppat matul l-2010, mhux l-inqas minħabba l-attività konsiderevoli ġġenerata mit-tħejjijiet għar-reviżjoni (fl-2011) tal-**Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU** (HRC). Anki waqt li kienu għaddejjin diskussjonijiet dwar ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-ħidma tal-HRC, kien hemm sinjali oħra li kien qed jibda jisfrutta l-potenzjal tiegħu u jirrealizza l-mandat tiegħu li "jippromwovi r-rispett universali għall-protezzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd".

⁶³ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-dinja fl-2009 u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni fis-16 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0489).

L-UE rnexxielha tikseb suċċessi notevoli fl-HRC fl-2010⁶⁴, l-aktar bis-saħħa tal-involvement attiv tagħha permezz ta' gruppi transreġjonali u mas-sħab ewlenin tagħha. Iġġeddu l-mandati ta' divesi Relaturi Speċjali tan-NU. L-UE tat l-appoġġ tagħha għall-ħolqien ta' mandat ġdid għal Relatur Speċjali dwar id-drittijiet tal-libertà ta' assemblea u assoċjazzjoni paċifika. Għaddew riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK⁶⁵ ⁶⁶, il-Ginea, ir-Repubblika Kirgiza⁶⁷ u l-Afganistan, kif ukoll dwar il-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin.

L-UE laqgħet l-eżitu ta' suċċess tas-sessjoni speċjali tal-HRC dwar il-Côte d'Ivoire fi tmiem l-2010. Sfortunatament, kien hemm ukoll xi xejriet negattivi fl-HRC. Fosthom kien hemm tentattivi mingħajr preċedent biex tiġi kkwalifikata l-awtorità tal-President tal-HRC, u kritika qawwija tal-mod li bih ir-Relaturi Speċjali tan-NU jwettqu x-xogħol tant diffiċli tagħhom. B'mod aktar ġenerali, l-2010 rat mistoqsijiet iqumu dwar il-kunċett innifsu tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE, immexxija mir-Rappreżentant Għoli, iddefendiet dan il-kunċett b'mod deċiż.

Aktar tard fis-sena, l-UE laħqet l-oġġettivi kollha tagħha fit-**Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU** (li tittratta kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'New York). Abbażi ta' inizjattiva transreġjonali, ir-riżoluzzjoni għal moratorju fuq il-piena tal-mewt⁶⁸ għaddiet b'appoġġ rekord, u ġiet adottata b'kunsens riżoluzzjoni kontra l-intolleranza reliġjuża. Ġew adottati b'suċċess ukoll riżoluzzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar ir-RDPK u l-Birmanja/il-Mjanmar. L-UE tt l-appoġġ tagħha lill-inizjattiva dwar l-Iran.

⁶⁴ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Parlament għall-HRC tan-NU (Ġinevra, 1-26 ta' Marzu) fil-25 ta' Frar 2010 (P7_TA-PROV(2010)0036).

⁶⁵ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo: il-każ ta' Floribert Chebeya Bahizire fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0244).

⁶⁶ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar in-nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo fis-7 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0350).

⁶⁷ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Kirgistan fil-5 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0149).

⁶⁸ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt fis-7 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0351).

Għall-ewwel darba nett, l-UE kellha saret parti għal rasha għal Konvenzjoni komprensiva tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-istrument għall-konferma formali tal-Konvenzjoni tal-2006 tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD) ġie ddepożitat fl-Uffiċċju tat-Trattati tan-NU fit-23 ta' Diċembru 2010. Dan temm il-proċedura ta' ratifika mibdija fis-26 ta' Novembru 2009 meta l-Kunsill witta t-triq għall-adeżjoni tal-UE għall-UNCPRD. (L-Istati Membri kollha tal-UE ffirmaw il-UNCPRD, u 17 diġà rratifikawha).

Fil-ħidma bilaterali tagħha, l-UE kompliet bil-politika, li ilha tapplika minn żmien twil, ta' involviment ma' pajjiżi oħra permezz tal-firxa tagħha ta' kważi 40 djalogu, konsultazzjoni u sottokomitati dedikati regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-konċentrazzjoni fl-2010 kienet fuq l-ewalwazzjoni ta' ċerti djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li tiġi żgurata l-effettività tagħhom u li jitfasslu biex jilqgħu sfidi ġodda fil-pajjiżi rispettivi.

Fis-26 ta' April 2010 l-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar it-titjib tal-**prevenzjoni fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa**. Dawn issottolinjaw l-impenn tal-UE lejn il-ġlieda kontra kull kriminalità - mhux biss dik kontra l-ħajja, l-integrità fiżika, u l-libertà, iżda wkoll il-koerċizzjoni, it-theddid u l-attakki kontra l-integrità morali. B'dan il-mod l-UE affermat mill-ġdid ir-rabta tagħha ma' perspettiva komprensiva dwar kwistjonijiet bħal dawn, mibnija fuq il-Linji Gwida tagħha dwar il-vjolenza fuq in-nisa.

L-2010 kienet ikkaratterizzata mill-għaxar anniversarju tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1325 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li żiedet b'mod konsiderevoli l-interess f'dawn il-kwistjonijiet madwar id-dinja⁶⁹. L-anniversarju ġibed l-attenzjoni tal-komunità internazzjonali għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325, inkluż fir-rigward tal-komponent tagħha dwar il-protezzjoni tan-nisa mill-vjolenza sesswali waqt konflitt armat. Bħala pass importanti lejn l-iżgurar ta' aktar monitoraġġ u obbligu ta' rendikont, il-Kunsill tas-Sigurtà kellu dibattitu ta' livell għoli fis-26 ta' Ottubru 2010 li wassal għall-validazzjoni ta' grupp ta' indikaturi żviluppati mill-UNIFEM biex tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u adotta l-UNSCR 1960 f'Diċembru 2010 li tipprevedi l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' monitoraġġ, analiżi u rappurtaġġ għal vjolenza sesswali marbuta ma' kunflitti. Għall-UE, is-sena tal-anniversarju rat diversi żviluppi importanti, fosthom l-adozzjoni ta' 17-il indikatur għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE għan-nisa, il-paċi u s-sigurtà; l-elaborazzjoni tar-rapport 'Lezzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet ta' ġeneru f'operazzjonijiet militari u missjonijiet ċivili tal-PSDK'; u l-iżvilupp ta' deskrizzjonijiet għal elementi ta' taħriġ standard għall-PSDK dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u s-sessi u ta' mandat ġdid għal proċedura speċjali ġdida (Grupp ta' Ħidma ta' ħames esperti) dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u l-prattika.

F'Diċembru 2010, l-UE rrevediet l-istrateġija ta' implimentazzjoni tagħha għal-linji gwida dwar **it-tfal u l-kunflitt armat** biex b'hekk din tkun tista' ssaħħaħ aktar l-azzjoni tagħha f'dan il-qasam.

Bil-globalizzazzjoni tolqot kull sfera ta' attività, it-**tħaddim tat-tfal** irċieva aktar attenzjoni fl-2010. Il-Kunsill fakkar il-jum internazzjonali kontra t-**tħaddim tat-tfal**, fit-12 ta' Ġunju, billi adotta Konklużjonijiet fuq firxa wiesgħa. Huwa qabel li jżid l-isforzi tal-UE biex jiġi eliminat it-**tħaddim tat-tfal** billi jintużaw l-istrumenti tal-UE b'mod aktar effettiv. Abbażi tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, il-Kunsill appella biex is-suġġett tat-**tħaddim tat-tfal** jitqajjem fi djalogi tal-UE ma' pajjiżi oħra, u biex il-kwistjoni tiġi inkorporata fl-istrateġiji tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar.

⁶⁹ Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar l-10 Anniversarju tal-UNSCR 1325 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà fil-25 ta' Novembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0439).

L-impatt tal-**mezzi tax-xandir soċjali** kienet waħda mill-karatteristiċi li ddefinixxew l-2010. Minn naħa, bħal fl-Iran, dawn urew il-potenzjal tremend għall-organizzazzjoni ta' protesti, iżda min-naħa l-oħra wasslu għal repressjoni fuq il-libertà tal-espressjoni mir-reġimi affettwati. L-UE minnufih semmghat leħinha dwar il-problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti⁷⁰. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu l-Kunsill tenna l-impenn tiegħu lejn il-libertà tal-espressjoni fid-dinja kollha bħala dritt universali li jintitola lil individwi li jfittxu, jirċievu u jibagħtu informazzjoni irrispettivament mill-fruntieri. L-UE appellat lill-Istati kollha biex itemmu ċ-ċensura tal-internet u biex jieqfu milli jimblukkaw ix-xandiriet bis-satellita.

Hekk kif il-movimenti favur id-demokrazija bdew jissaħħu f'pajjiżi differenti, partikolarment lejn tmiem l-2010, il-Kunsill indirizza s-suġġett tal-**appoġġ għad-demokrazija** fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Diċembru⁷¹. Dawn qiesu l-progress fil-qasam u approvaw lista ta' pajjiżi għall-implimentazzjoni pilota tal-'Aġenda għall-Azzjoni' tal-UE: ir-Repubblika tal-Moldova, ir-Repubblika Kirgiża, il-Libanu, il-Gana, il-Benin, il-Gżejjer Solomon, ir-Repubblika ĊentruAfrikana, il-Bolivja, il-Mongolja, il-Filippini, l-Indoneżja u l-Maldive.

Sfortunatament, l-2010 rat żieda f'leġislazzjoni ripressiva kontra **persuni Lezjbani, Omosesswali, Bisesswali u Transġeneru**. Din kienet kwistjoni partikolari f'xi pajjiżi Afrikani. Il-Kunsill iddeċieda li jadotta "sett ta' għodod" ġdid għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni speċifika li qed iħabbtu wiċċhom magħha dawn il-gruppi. L-UE ħarġet ukoll diversi stqarrijiet li jiċħdu u jikkundannaw l-omofobija bħala ksur tad-dinjità tal-bniedem⁷². L-UE appellat ukoll lill-istati kollha biex jiżguraw li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ma jibqgħux ikunu bażi għal pieni kriminali.

⁷⁰ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-17 ta' Ġunju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0226).

⁷¹ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istrument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja fil-21 ta' Ottubru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0380).

⁷² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Uganda: "Abbozz ta' Liġi Bahati" u d-diskriminazzjoni kontra l-popolazzjoni LGBT fis-16 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0495).

L-2010 rat tkabbir kontinwu fl-attenzjoni lil-**libertà ta' reliġjon jew twemmin u lil minoranzi reliġjużi**. Għall-UE dan kien ifisser li jwettaq fil-prattika l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009, li pprevedew evalwazzjoni tal-inizjattivi eżistenti tal-UE u l-ħolqien ta' proposti ġodda. Bħala parti minn dan il-proċess, l-UE bdiet miexja fi triq ta' involviment proattiv ma' diversi sħab fi sforz dejjiemi biex jinbnew ponti ta' tolleranza u armonija bejn ir-reliġjonijiet. Fl-2010, l-UE kompliet tiżviluppa l-azzjonijiet tagħha biex tippromwovi l-libertà ta' reliġjon jew twemmin fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi.

Ir-rwol ta' **fornituri ta' servizzi ta' sigurtà privati** ngħata importanza ġdida fl-2010, b'appelli mġedda għar-regolamentazzjoni tagħhom. Dan qajjem għadd ta' kwistjonijiet importanti li jolqtu diversi fergħat tal-liġi internazzjonali, fosthom il-liġi dwar l-użu tal-forza, il-liġi umanitarja internazzjonali, il-liġi kriminali internazzjonali u l-liġi tar-responsabbiltà tal-istat. Għal din ir-raġuni, l-UE kienet tal-fehma li l-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet għandha tibda b'eżami mill-qrib ta' oqfsa regolatorji internazzjonali eżistenti.

Wara l-adozzjoni tal-UNSCR 1894 (2009), dwar il-**protezzjoni ta' ċivili f'konflitt armat**, fl-2010 l-UE bdiet il-ħidma fuq 'Abbozz ta' Linji Gwida Riveduti dwar il-Protezzjoni ta' Ċivili għal Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK'. Dan kien biex jittieħed vantaġġ mill-esperjenza tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK biex jiġu aġġornati l-linji gwida ta' qabel mill-2003. L-għan kien li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għall-UE, li jkopri r-rwoli differenti tal-atturi u l-istrumenti umanitarji u militari. Wara konsultazzjonijiet man-NU (l-OCHA u d-DPKO) u l-ICRC, ir-riżultat kien grupp ta' linji gwida dettaljati għall-ippjanar u t-twettiq ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

L-2010 rat il-konklużjoni b'suċċess tal-**Konferenza ta' Reviżjoni tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI**⁷³ f'Kampala f'Mejju-Ġunju, fejn ġew maqbula d-definizzjoni u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti għal delitti ta' aggressjoni. Qabel din il-Konferenza, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet fil-25 ta' Mejju 2010, li affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE lejn il-QKI u lejn il-ġlieda kontra l-impunità. Fil-Konferenza, l-UE għamlet erba' wegħdijiet bħala prova tal-valur kbir li tagħti lill-Qorti u l-missjoni tagħha. L-UE impenjat ruħha li tistabilixxi sett ta' għodod għall-kumplimentarjetà dwar kif jiġu integrati aħjar il-ħtiġijiet speċjali marbuta mal-ġlieda kontra l-impunità fi programmi għall-iżvilupp u l-istat tad-dritt.

L-UE u l-involviment tar-Rappreżentant Għoli fl-2010 kkontribwixxew għall-adeżjoni ta' tliet Stati ġodda għall-Istatut ta' Ruma: il-Bangladexx, is-Seychelles u l-Moldova.

Il-**ġustizzja kriminali internazzjonali**, amministrata b'mod partikolari mill-QKI u t-Tribunali Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY), ir-Rwanda (ICTR) u l-Qorti Speċjali għal Sjerri Leone (SCSL), taqdi rwol vitali fiż-żamma tal-paċi u t-tiġid tas-sigurtà internazzjonali u lokali. Fil-livell nazzjonali, l-UE tappoġġa l-awli straordinarji tal-Qrati tal-Kambodja (ECCC) u t-Tribunal Speċjali għal-Libanu. Il-proċess ta' Hissene Habré huwa suġġett għal djalogu bejn is-Senegal, l-Unjoni Afrikana u l-UE, li jista' jkun kontribut għat-tiġid tar-responsabbiltà u t-tmiem ta' kultura ta' impunità. Rapport ifffinanzjat mill-UE biex tingħata għajnuna lill-awtoritajiet tas-Senegal fit-tnejn tal-proċess ġie ffinalizzat fl-2010.

Fl-2010, seba' **Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali** ntbagħtu f'Togo, is-Sudan, l-Etjopja, il-Ginea, Burundi, it-Tanzanija, il-Côte d'Ivoire rispettivament, filwaqt li ġew immobilizzati **Timijiet għall-Valutazzjoni tal-Elezzjonijiet** (EAT) fl-Iraq u l-Afganistan. L-EAT jintbagħat f'pajjiż li jissodisfa l-kriterji għal mobilizzazzjoni ta' MOE iżda fejn MOE sħiħa hija pprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà.

⁷³ Il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda fid-19 ta' Mejju 2010 (P7_TA-PROV(2010)0185).

Fl-2010, tmien **Missjonijiet ta' Esperti tal-Elezzjonijiet** (EEM) intbagħtu f'Nicaragua, ir-Rwanda, iż-Żimbabwe, il-Gżejjer Solomon, in-Niġer, Haiti, il-Kosovo, iż-Żambja. L-EEM tal-Kosovo ġiet iffinanzjata taħt l-IPA iktar milli l-EIDHR. L-EEM taż-Żambja kien għar-reġistrazzjoni tal-votanti.

E. Aktar Effettiv, Kapaċi u Koerenti

Aktar Kapaċi

Kapaċitajiet Ċivili

F'Lulju 2010, sar seminar ta' Livell Għoli dwar il-faċilitazzjoni tal-iskjerament ta' persunal ċivili, li involva firxa wiesgħa ta' awtoritajiet mill-Istati Membri. Sa tmiem l-2010, ġie nnutat progress f'għadd ta' kwistjonijiet. Dawn kienu jinkludu l-progress tal-Istati Membri fil-faċilitazzjoni tal-iskjerament tal-persunal ċivili għall-PSDK u t-twettiq tal-Objettiv Primarju Ċivili 2010. F'Diċembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-implimentazzjoni tal-Objettiv 2010 eżistenti sa wara l-2010.

Kapaċitajiet militari

Fil-qafas tal-iżvilupp tal-kapaċità militari, il-ħidma bil-għan li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u li jiġu ffaċilitati l-għażliet nazzjonali tagħhom kompliet f'diversi fora fosthom il-Kumitat Militari tal-UE (EUMC) u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Sar progress f'dokumenti kunċettwali militari tal-UE, bħall-kunċett għall-implimentazzjoni ta' Bażi tal-Ajru Operattiva Skjerabbli tal-UE, li ġie maqbul fi Frar 2010. Riflessjonijiet inizjali dwar l-istabbiliment ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanent (PESCO) u dwar l-implikazzjonijiet tagħha tnedew permezz ta' żewġ seminars (is-16 ta' Marzu u t-13 ta' Lulju). Fl-2010 nbdiet ukoll ir-riflessjoni dwar il-ħtieġa ta' Strateġija ta' Sigurtà Marittima. (Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2010).

F'Diċembru 2010, fil-Kunsill Affarijiet Barranin ġiet maqbulha lista ta' objettivi ta' kapaċità militari għal wara l-2010. Din inkludiet it-titjib tal-ħila ta' proġettazzjoni, protezzjoni u sostenn ta' forzi skjerati f'operazzjonijiet tal-UE, u li jiġu indirizzati ħtiġijiet ewlenin bħad-disponibbiltà tal-forza, is-superjorità tal-informazzjoni, l-effettività tal-involvement u t-taħriġ speċjalizzat. Id-dokument fakkar fil-ħtieġa biex jitjiebu aktar il-kapaċitajiet għad-disponibbiltà u r-rispons rapidu⁷⁴. Dan jinkludi l-flessibbiltà u kemm hu possibbli li jintużaw il-Gruppi ta' Battalja tal-UE, it-trawwim tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar it-trasformazzjoni tal-kapaċitajiet biex tittejjeb l-interoperabbiltà, u t-titjib għall-massimu tal-kapaċitajiet eżistenti ta' ppjanar u twettiq fil-livell operazzjonali kif ukoll l-użu ta' kapaċitajiet militari eżistenti.

Ittra mill-Weimar

Wara ittra mill-Istati Membri tal-UE tat-Triangolu ta' Weimar (DE, FR, PL), datata s-6 ta' Diċembru, il-Kunsill laqa' l-ittra bħala kontribut importanti biex tiġi stimulata l-aġenda għall-iżvilupp ta' PSDK u stieden lir-Rappreżentant Għoli biex tmexxi 'l quddiem fuq is-sett importanti ta' kwistjonijiet imqajma f'din l-ittra, inklużi l-kapaċitajiet ta' ppjanar u twettiq, ir-relazzjonijiet UE-NATO, il-Gruppi Tattiku tal-UE, u l-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' kapaċitajiet.

Akkomunament u kondiviżjoni

Fil-laqgħa informali tagħhom f'Settembru 2010, il-Ministri tad-Difiża għarfu l-ħtieġa li jizjeddu l-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' kapaċitajiet militari, partikolarment fl-isfond tal-kriżi finanzjarja. Dan kien affermat mill-ġdid mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Diċembru dwar l-iżvilupp tal-kapaċità militari. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-Istati Membri janalizzaw il-kapaċitajiet militari nazzjonali tagħhom minn dan il-lat. Ħeġġeġ ukoll lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) tintensifika l-ħidma tagħha biex tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' akkomunament u kondiviżjoni u tappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi volontarji tagħhom biex jimplementaw inizzjattivi kooperattivi.

⁷⁴ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-twaqqif ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-UE fl-14 ta' Diċembru 2010 (P7_TA-PROV(2010)0465).

Matul is-sena l-Aġenzija kompliet tappoġġa proġetti eżistenti f'oqsma bħall-Flotta Ewropea tat-Transport bl-Ajru, iċ-Ċellula Ewropea għall-Akkwist ta' Servizzi ta' Komunikazzjoni bis-Satellita (SATCOM), id-Disponibbiltà ta' Ħelikopters, Appoġġ Loġistiku, il-Ġlieda kontra t-Tagħmir Splussiv Improvvizat Identifikat ukoll l-aħjar Prattiki bbażati fuq l-analiżi ta' l fuq minn 80 proġett eżistenti, u kompliet bil-ħidma tagħha fuq aktar opportunitajiet għall-kooperazzjoni.

Lezzjonijiet miksuba u l-aħjar Prattiki fil-PSDK ċivili

Ir-rapport dwar it-tagħlimiet mittieħda fil-PSDK ċivili jenfasizza żewġ Prattiki li jeħtieġ li jkunu internalizzati. L-ewwel, li l-missjonijiet jiġu integrati aħjar fil-politika ġenerali tal-UE għall-pajjiż ospitanti u r-reġjun. It-tieni, li jintalab impenn aktar qawwi mill-pajjiż ospitanti qabel ma tintbagħat missjoni. Dan japplika partikolarment għal riformi jew miżuri oħra li l-pajjiż ospitanti jeħtieġ li jieħu sabiex jikseb l-istabbiltà u biex il-pajjiż meta jerġax jaqa' f'konflitt.

Barra minn dan, l-użu dejjem jikber ta' punti ta' riferiment għandu jippermetti li ssir valutazzjoni aktar ċara tal-progress lejn objettivi maqbula mal-pajjiż ospitanti. Għandu jiffaċilita wkoll teħid aktar strutturat ta' tagħlimiet dwar kif l-aħjar li jinkiseb effett strateġiku, fosthom bl-użu ta' strumenti differenti tal-UE.

Miżuri ewlenin oħra biex tissaħħaħ il-kwalità tal-missjoni jinkludu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi tal-PSDK u fi ħdan l-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (ġewwa l-fruntieri tal-UE) u ma' pajjiżi sħab ewlenin li jipprovdu persunal għall-missjonijiet. Ser ikun importanti wkoll li l-proċeduri ta' reklutaġġ isiru aktar trasparenti. Finalment, jinħtieġ aktar xogħol biex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' akkwist għall-missjonijiet ikunu flessibbli biżżejjed u jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' xenarji ta' skjerament rapidu, filwaqt li tiġi rispettata r-regolamentazzjoni finanzjarja li tirregola l-baġit tal-UE.

Taħriġ u eżerċizzji

Saru sforzi sinifikanti fl-2010 biex jinkisbu l-oġġettivi ġenerali fir-rigward tat-taħriġ fil-PSDK. L-għan ewlieni huwa li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu pprovduti b'persunal infurmat (diplomatiku, ċivili inkluż pulizija u setturi oħra tal-istat tad-dritt kif ukoll militari), li huwa kapaċi jaħdem b'mod effiċjenti fuq il-kwistjonijiet kollha tal-PSDK. Għandu wkoll isir taħriġ xieraq għall-persunal skjerat għal missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK. Seminar ta' taħriġ tal-PSDK f'Settembru 2010 enfasizza l-progress miksub u identifika n-nuqqasijiet. F'Diċembru 2010, ġew maqbula elementi standard minimi ta' taħriġ dwar id-Drittijiet tal-Bniedem/il-Protezzjoni tat-Tfal u s-Sessi fil-kuntest tal-PSDK.

Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala l-attur ewlieni ta' taħriġ fil-livell tal-UE. Il-Kulleġġ huwa llum netwerk ibbilanċjat tajjeb magħmul minn madwar 50 istitut ta' politika tas-sigurtà, diplomatiku u oħrajn ċivili, istituti u universitajiet oġġladwar id-difiża, minn kważi l-Istati Membri kollha kif ukoll l-Istitut tal-UE għall-Istudji fuq is-Sigurtà (EU ISS). Il-konfigurazzjoni attwali tan-netwerk tippermetti t-taħriġ kull sena ta' madwar 1200 diplomatiku, pulizija, ħaddiema ċivili u militari oħra flimkien f'madwar 30 attività ta' taħriġ differenti u l-appoġġ ta' proġetti speċifiċi tal-UE. B'hekk, il-KESD qed jagħti kontribut sinifikanti għall-approċċ komprensiv tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet u għat-tisħiħ tal-kultura ta' sigurtà Ewropea fil-PSDK.

L-Istati Membri ġew imħeġġa jimplimentaw titjib fit-taħriġ ta' qabel l-iskjerament għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Minħabba l-kumplessità akbar tal-missjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-PSDK u l-ambjenti diffiċli li jaħdmu fihom, il-Kunsill saħaq dwar l-importanza ta' taħriġ bħal dan.

Il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) żviluppat il-kooperazzjoni tagħha mal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) billi ħadet responsabbiltà għat-taħriġ dwar l-ippjanar operazzjonali matul il-Kors tal-Uffiċjali Anzjani Għoljin tal-Pulizija għall-kmand u l-ippjanar ta' Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK. Bħalissa hija involuta fl-iżvilupp, flimkien ma' Istituti nazzjonali, ta' skema pilota ta' taħriġ għall-Kapijiet ta' Missjonijiet tal-UE u tmexxija anzjana. Tappoġġja wkoll ħafna inizjattivi ta' taħriġ minn Stati Membri, mill-KESD u mis-CEPOL, billi tipprovdni esperti minn Brussell u l-Missjonijiet biex jaqsmu l-kompetenza żviluppata fil-post.

L-EUMS ġie mqabbad jagħti taħriġ b'appoġġ għall-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQs). It-Taħriġ ta' Fondazzjoni tal-PSDK (CFT) ġie organizzat għall-persunal ċentrali ewlieni tal-OHQ u rinforzi oħra. Gruppi ta' Taħriġ Mobbli (MTT) kienu qed jintbagħtu fl-OHQs sabiex jedukaw u jiffamiljarizzaw il-persunal tagħhom mal-Kunċetti u l-Għodod tal-UE.

L-Eżerċizzju Militari tal-UE MILEX 10⁷⁵ kkonċentra fuq aspetti militari ewlenin tal-ġestjoni tal-kriżijiet. Huwa ta l-opportunità li jiġu ttestjati aspetti operazzjonali magħżula, bil-ħsieb li tiġi skjerata forza militari tal-UE magħmula minn komponenti kemm fl-art u kif ukoll tal-ajru. Ikkonċentra fuq l-interazzjoni bejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-UE f'Potsdam (il-Ġermanja) u l-Kwartieri Ġenerali tal-Forza (FHQ) tal-UE f'Toulon (Franza).

Aktar effettiv

Operazzjonijiet u missjonijiet

F'Diċembru 2010, il-mandat għall-**Operazzjoni kontra l-piraterija EUNAVFOR Atalanta** ġiet estiża sa Diċembru 2012. Iż-Żona ta' Operazzjoni ġiet estiża għat-tieni darba f'Settembru. L-Operazzjoni ppermettiet kunsinna sikura ta' għajjnuna f'ikel bil-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel, billi eskortat aktar minn 100 bastiment kummerċjali minn Mombasa għal Mogadixu. Tat ukoll appoġġ lill-Missjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), b'91 bastiment tal-AMISOM eskortati.

⁷⁵ Dati meta twettaq: 16 - 25 ta' Ġunju 2010, ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kunsill 11083/10 (Presse 177) tal-14 ta' Ġunju 2010.

Din l-operazzjoni kontra l-piraterija rnexxielha wkoll tiskoraġġixxi u trażżan atti ta' piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja, għalkemm ma kinitx kapaċi twaqqaf żieda ġenerali fit-theddida tal-piraterija fir-reġjun, li qed ikollha impatt reali fuq il-kummerċ internazzjonali. Abbażi tal-ftehimiet ta' trasferiment mas-Seychelles u mal-Kenja, 22 pirata ssuspettat ġew trasferiti għall-prosekuzzjoni fis-Seychelles u 79 fil-Kenja. L-UE ħadmet mal-UNODC biex tagħti appoġġ, taħt l-Istrument ta' Stabbiltà, lis-sistema ġudizzjarja tas-Seychelles. Bdiet ukoll negozjati għal Ftehim ta' Trasferiment mal-Mawrizju. Minbarra li indirizzat l-effetti tal-piraterija, l-UE bdiet ukoll ħidma biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Marittimi Reġjonali fil-qafas tal-Istrateġija Reġjonali ffirmata mir-Rappreżentant Għoli waqt konferenza ministerjali fil-Mawrizju f'Ottubru.

F'Jannar 2010, il-Kunsill qabel dwar l-appoġġ lis-Settur tas-Sigurtà Somalu u ħoloq missjoni militari tal-UE biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà Somali fl-Uganda, fejn il-forzi Somali kienu diġà qed jitħarrġu: **EU Training Mission (EUTM Somalia)**. Il-Kunsill qabel li l-missjoni militari tal-UE ser titwettagħ b'koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab, fosthom il-Gvern Federali Transizzjonali (Somalja), l-Uganda, l-UA, in-NU u l-Istati Uniti. Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li dan it-taħriġ isir bħala parti minn sforz internazzjonali usa'. L-EUTM Somalia nġhatat bidu f'April 2010.

L-objettiv tal-missjoni huwa li jingħata kontribut għal żvilupp komprensiv u sostenibbli tas-settur tas-sigurtà Somalu. Dan għandu jsir permezz tat-tisħiħ tal-forzi tas-sigurtà Somali, billi jingħata taħriġ militari speċifiku, u appoġġ għat-taħriġ mogħti mill-Uganda ta' 2000 reklut Somalu sal-livell u jinkludi l-livell ta' platur, inkluż taħriġ modulari u speċjalizzat għal uffiċjali u uffiċjali mhux kummissjonati. Il-Missjoni ser tħarreġ total ta' 2000 suldat. It-taħriġ tal-ewwel grupp beda f'Mejju 2010, bil-ħsieb li l-ewwel grupp ta' suldati mħarrġa jmur lura għas-Somalja fil-bidu tal-2011. L-UE bħalissa qed tikkunsidra jekk il-Missjoni għandhiex tiġi estiża.

Matul l-2010, il-missjoni tal-EUSEC RD Congo rnexxielha twettaq diversi attivitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' riforma tad-difiża Kongoliża. Dawn jinkludi riżorsi umani, amministrazzjoni u ġestjoni loġistika, kif ukoll il-ġlieda kontra l-impunità. F'Lulju 2010, il-Kunsill iddeċida li jestendi l-missjoni sal-31 ta' Settembru 2012.

Il-Missjoni tal-EUSEC appoġġjat l-awtoritajiet Kongoliżi fil-finalizzazzjoni tal-integrazzjoni tal-aħħar gruppi ribelli interni fil-forzi armati fit-tliet provinċji tal-Lvant. Kif jiġi ffinalizzat, iċ-ċensiment tal-forzi jkun tlesta, u dan jippermetti ġestjoni aħjar tal-persunal. Sfida oħra ser tkun it-tnaqqis fid-daqs tal-forzi armati.

Il-Missjoni tal-EUSEC tikkontribwixxi wkoll għall-armonizzazzjoni tat-taħriġ provdut mill-atturi bilaterali lill-unitajiet tal-fanterija, billi tappoġġja lill-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-duttrina ta' taħriġ.

